

MEJJU 09 – ID-29 SENA – GHADD 290 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

# dawlFranġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## AVVIŻ - DAWL FRANĠISKAN – ĠUNJU / LULJU

Il-ħarġa ta' Dawl Franġiskan Ġunju/Lulju, ***LI SE TOĦROĠ FIL-BIDU TA' LULJU***, se tkun waħda speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq il-25 Anniversarju mill-Ordinazzjoni ta' Mons. Isqof Pawlu Darmanin u t-twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.


10


13


22



26


28


3 **Hudu l-Ispirtu s-Santu**
Editorjal

4 **Batseba**
minn Mons. Lawrenz Sciberras

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Ħsibijiet fuq San Pawl (9)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

10 **Salve Sancte Georgi**

12 **Gi.FRA**
minn Marija Spiteri

13 **Il-Bidu u l-Iżvilupp tad-Djoċesi ta' Garissa (V)**
minn Patri Pelaġju Bilocca OFMCap

20 **Katekeżi**
minn Manwel Micallef

21 **Okkult**
Fr Franco Fenech OFMCap

22 **L-Omm**
minn Kav Joe M Attard

23 **L-Omm - Poeżija**
minn Kav Joe M Attard

24 **Mill-Mewt għall-Ħajja**
minn Lawrence Attard

25 **It-Tfajla u d-Dawl - Poeżija**
minn Dr Tonio Piscopo MD

26 **Vokazzjoni**
minn Br Denis Calleja OFMCap

28 **Il-Knisja, Assemblea Msejħa minn Alla fid-Dinja**
minn Harry Agius Ordway

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Bolol ta' Malta (13)**
minn Tony C. Cutajar


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Pittura ta' tas-seklu XVI minn Juan Van Der Hamen (Spanjol) li turi d-dehra tal-Kunċizzjoni Immakulata lil San Franġisk t'Assisi.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill Editur. Id Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista*


© Dawl Franġiskan 2009
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# ĦUDU L-ISPIRTU S-SANTU



Is-solennità tal-Pentekostè tfakkar il-ġrajja meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli, Pietru ppriedka lin-nies u l-pellegrini li kien hemm f'Ġersusalem u madwar tlett elef ruħ laqgħu l-messaġġ tiegħu u ġew mgħammda (Atti 2:1-42). F'din is-solennità l-Knisja tippreżentalna bħala s-silta tal-Evanġelju Ġw 20:19-23. X'hemm importanti f'din is-silta?

Waqt li Ġesù rxoxt jidher lid-dixxipli meta Tumas ma kienx magħhom jgħidilhom kelma li tgħodd ħafna għalina llum: **"Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu...'"** In-nefħa ta' Ġesù fuq id-dixxipli tfakkarna fin-nefħa li l-Mulej Alla nefaħ fi mnisfejn il-bniedem biex jagħtih il-ħajja wara li sawru mit-trab tal-art (ara Ġen 2:7). U permezz ta' dan in-nifs, **"il-bniedem sar ħlejqa ħajja"** (Ġen 2:7). Nifs il-Mulej huwa l-ħajja.

Ġesù nnifsu huwa l-ħajja (ara Ġw 14:6). **"Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar kellu l-ħajja fih"** (Ġw 1:3-4). Ġesù Kristu huwa l-ħajja li ddawwal lil kull bniedem (ara Ġw 1.4), id-**"dawl jiddi fid-dlam"** (1 Ġw 1:5) Huwa kien mibgħut mill-Missier biex jixhed għall-verità biex kull min iħobb il-verità jisma' leħnu (ara Ġw 18:37). Għax Ġesù kellu jmur għand Missieru, huwa talbu: **"Kif inti bgħatt lili fid-dinja, hekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja"** (Ġw 17:18). U għax Ġesù kien konxju mid-dgħjufija ta' dawk li għażel, u l-ħtieġa li Alla Missieru jkun Missierhom biex iqaddishom huwa bagħtilhom l-Ispirtu s-Santu billi nefaħ fuqhom. Mela f'din is-silta għandna Pentekostè.

Il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisa ssoktat sa llum. L-Ispirtu ngħatalha biex tkompli l-missjoni ta' Ġesù sabiex id-dinja temmen li l-Missier bagħat lil Ibnu biex bih hija ssalva (ara Ġw 17:21). L-Ispirtu jagħti xhieda għal Ġesù bħalma qalilna Ġesù nnifsu: **"L-Ispirtu tal-verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija. U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu"** (Ġw 15:26 27).

Bħalma **"kull siġra mill-frott tagħha tingħaraf"** (Lq 6:44), hekk l-Ispirtu jingħaraf mill-frottijiet tiegħu. Il frott tal Ispirtu huma: **"l imħabba, l hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan"** (Gal 5:22-23). Bis-sagramenti tal Magħmudija u l Konfirmazzjoni Ġesù tana din il-missjoni: **"Jien ... ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa'"** (Ġw 15:16). Kemm ħajjitna qed tagħmel il-frott tal-Ispirtu? Jekk le ejjew niftakru li l-Ispirtu ta' Alla qiegħed fina u ma nirreżiżtulux iżjed! •

# Batseba

**Kemm ħadd ma jista' jifhem il-ħsibijiet u l-pjanijiet t'Alla. Mara xejn ta' fama tajba imbagħad isimha huwa miktub fil-Kotba Ispirati u xejn anqas fil-ġeneoloġija ta' Ġesù. Fl-Evanġelju din il-mara tidher bħala mart Urija (Mt 1:6b). Din il-mara hija Batseba jew aħjar it-tifla (bat) ta' Seba. Jista' jkun li dan kien xi isem divin, għaliex il-veru missier tagħha kien jismu Eligħam. (2 Sam 11:3).**

## MARA MAKAKKA



L-istorja sħiħa ta' Batseba qiegħda kważi kollha fit-tieni ktieb ta' Samwel kapitlu 11. Din il-mara klenet miżżewġa lil raġel ta' razza pagana, għaliex kien Ħitti u dan jismu Urija. Dawn in-nies kienu mill-Asja ż-Żgħira. Is-sultan David kien imdorri jagħmel użu anki minn dawn in-nies fil-gwerer li ta' sikwit kien ikollu (1Sam 26:6). Tant hu veru dan li fost in-nies li kien hemm għall-gwerra fil-belt ta' Rabba, David kellu r-raġel ta' Batseba, Urija. Dan kien raġel qalbieni u sadiq daqskemm fidil u emin lejn ix-xogħol tiegħu. Xejn ma kien faċli li tikkritikah dwar ix-xogħol mogħti lilu.

Mill-mod kif l-Iskrittura tiddeskrivi ċerti waqtiet u qagħdiet suġġestivi ta' Batseba, jagħtik ħafna x'tifhem li din kienet mara tassew makakka u ħajna. Xtaqet ħafna aktar milli kellha; mela kienet għajjura tassew. Issa biex tagħmel dan Batseba laqbet ħafna mal-kuxjenza tagħha. Batseba kien ilha tgħarrex u tifli sewwa l-ħinijiet ta' x'ħin is-sultan David joħroġ jippassiġġa fis-setaħ tiegħu. Il-palazz tas-sultan kien jiġi biswit u qrib ħafna tad-dar ta' Batseba. U għalhekk ma kien hemm ebda problema. Firxet ix-xibka u David inqabad ġo fiha. Donnu wieħed jista faċilment japplika kliem il-Koħelet għal Batseba: **"U nsib dan: li aktar morra mill-mewt hi l-mara; hi nassa minn fuq s'isfel, qalbha xibka u dirgħajha ktajjen. Min jogħġob 'l Alla jaħrab minnha, iżda l-midneb jibqa' maqbud minnha"** (Koh 7:26).



## ŻEWĠ DNUBIET

Is-sultan ma ħarabx dik l-okkażjoni u dak il-ħin xtaq li tkun martu. David ma kienx jaf min kienet dik il-mara, tant li bagħat jistaqsi għaliha. Qalulu li kienet mart Urija l-Ħitti.

Mill-ħsieb wieħed jgħaddi għax-xewqa, u mix-xewqa għall-għamil. Hekk għamel David. Bla ma qagħad jaħsibha xejn – avolja mill-informazzjoni David sar jaf li dik kienet miżżewġa – xorta waħda bagħat għaliha. Batseba dak li riedet, il-ħsieb ħajjen tagħha sar realtà; tant li hekk kif is-sultan **"bagħat il-messaġġiera tiegħu għaliha"**, hija dritt telqet. U biex tkompli tagħad Urija kien jissielet mal għadu fil gwerra. Allura problemi ma kienx hemm. Almenu hekk ħasbet Batseba.

Is-sultan David mingħajr ma ħasibha xejn għamel adulterju. Batseba saret omm. Dan l-istat ferraħ ħafna lil Batseba, għaliex kien se jkollha tarbija mis-sultan, imma tgħidx kemm nikket u seqa mrar lil David. Skond il-liġi ta' Mosè, kemm David kif ukoll Batseba kellhom jiġu mħaġġra. **"Il-bniedem li jiżni ma' mart għajru, jagħtuhom il-mewt, liż-żieni u liż-żienja"** (Lev 20:10). Is-sultan għalhekk beda jaħseb kif se jagħmel biex joħroġ minnha din il-bawxata li issa daħal fiha; bawxata li kellha marbut magħha konsegwenzi tassew kbar!





## IL-MEWT TA' URIJA

Biex mingħalih jaħbi dnubu, is-sultan David bagħat isejjaħ lil Urija li kien fil-gwerra. David ittratta tajjeb ħafna lil Urija, tant li tah jiekol u jixrob. Ma kienx kuntent b'dan, għaliex David wara li sakkru bl-inbid bagħtu d-dar. Urija ma marx għax kien jorqod fuq friexu mal-qaddejja ta' sidu. Dan għalhekk juri li jista' jkun li xi ħadd lil Urija qallu x'ġara bejn martu Batseba u s-sultan. Jista' jkun ukoll billi kienet gwerra qaddisa s-suldati kienu jiċċaħħdu min-nisa biex hekk l-irġiel ikollhom dejjem ġisimhom safi mit-tinġis (1Sam 21:6). Urija kien raġel serju u tista' tafdah; imma miskin kellu jħallas prezz għoli għal dan kollu.

Is-sultan David kien qiegħed isegwi l-passi ta' Urija b'reqqa kbira, u meta ra li l-ħsieb tiegħu ma rnexxilux, iddeċida xort'oħra, dik li jeħles minn Urija darb'għal dejjem. U hekk mal-adulterju, David iżid dnub kbir ieħor, l-omiċidju. Hawn joqogħdu ħafna l-kliem tas-salm: **"Minn irdum għal irdum"** (Sl 42:8).

It-tielet tentativ ta' David din id-darba seħħ kollu. Kif xtaq tassew is sultan. Kiteb ittra lill-ġeneral Ġowab biex iqiegħed lil Urija fejn żgur li jmut. Fil-fatt hekk ġara. Batseba bkietu lil veru raġel tagħha, imma hekk kif għaddew il-jiem tal-vistu marret għand David u żżewġitu. Mingħaliha li issa kollox se jitranġa u dan f'qasir żmien.

## NATAN U DAVID

**"Imma dan għemil David ma għoġobx lill-Mulej"**. Hadd ma kellu l ħila jmur għand is sultan biex jurih x'għamel b'idejh u jċanfru talli kiser hekk fil-beraħ il-liġi t'Alla. U hawn ta' min jinnota l-qawwa interjuri li kellu l-bniedem t'Alla Natan. Permezz ta' parabola l-aktar sabiħa u fl-istess waqt juża psikoloġija tant għolja, Natan issorprenda mhux ftit lis-sultan b'dak li qallu. Messlu u qanqallu l-emozzjonijiet tas-sultan, tant li David wasal biex ikkonkluda: **"Daqskemm hu ħaj Alla, il-bniedem li għamel dan ħaqqu l-mewt. Il-ħarufa jħallas għaliha seba' darbet, għax min għamel dan ma kellux ħniena"**.

Il-profeta Natan hawn ried iwassal lis-sultan, biex jagħraf x'għamel b'idejh stess; bi kliem sempliċi, ċar imma deċisiv qallu: **"Inti hu dak il-bniedem"**. Natan kompla jfakkar lil David kemm Alla għamel ġid miegħu, l-aktar meta għażlu minn fost qrabatu u dilku sultan. **"U issa ma titwarrab qatt ix-xabla mill-familja tiegħek talli int stmerrejtni, u ħadt lil mart Urija l-Ħitti biex tkun martek"**. Is-sultan ma naqasx li għamel indiema serja ta' dnubietu.

Il-kastigi t'Alla fuq dar David bdew ġejjin; wieħed isegwi lil ieħor. Fost l-ewwel kienet il-mewt tat-tarbija li wilditlu Batseba stess. U dan nikket mhux biss lil David, imma anki lil martu Batseba. **"David imbagħad farraġ lil Batseba martu"**. Naturalment din indunat li kisret il-liġi t'Alla u kien jeħtiġilha tagħmel penitenza.

## OMM SALAMUN

Batseba terġa' tidher f'xena oħra tal-iskrittura, din id-darba biex timbotta lil binha Salamun u hekk jiġu midluk sultan ta' Iżrael. Għaliex kien se jinqala' ħafna ġlied bejn l aħwa fosthomn bejn Adonija bin Haggit u Salamun bin



Batseba. Din il-mara kellha favur tagħha lill-profeta Natan, u bi probabbiltà l-aktar kbira Natan hawn evita xiżma l-aktar kbira. Batseba għalhekk marret għand is-sultan David fejn fakkritu: **"Ja Sidi: Int kont ħlift b'isem il-Mulej, Alla tiegħek, Salamun ibnek isaltan warajk"**.

Dan ikompli juri kemm din il-mara kienet tinqala', tant li waslet biex ħadet dak li riedet mingħand is-sultan David. Hawn ukoll jidher ċar kemm l-għira ta' Batseba kienet qawwija fiha. Biex tilħaq il-kapriċċi ta' moħħha kollox kien leċitu għaliha.

Bajtseba baqgħet ħajja fl-istorja tas-salvazzjoni tant li San Mattew fil-ġeneoloġija ta' Ġesù jagħmel referenza għaliha, **"David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija"**. Ma nafux bi preċiżjoni x'kien il-għan tal evanġelista meta semma lil **"mart Urija"** fil-ġeneoloġija daqshekk importanti; jista jkun li ried jgħallem li Ġesù ġab is salvazzjoni għal kulħadd, Lhud u pagani. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

## GĦAMLA TA' EDUKAZZJONI FALZA

Milhux kont qiegħed naqra artiklu fuq rivista Taljana bit-titlu: *"Una piccola, lenta, inversione di tendenza. L-artikolista meta jasal f'ċertu punt tal-argument interessanti tiegħu, kiteb hekk: "Sta accadendo una cosa che non era mai accaduta prima: è in crisi la capacità di una generazione di adulti di educare i propri figli. Per anni dai nuovi pulpiti, scuole, università, giornali e televisioni, si è predicato che la libertà è assenza di legami e di storia, che si può diventare grandi senza appartenere a niente e a nessuno, seguendo semplicemente il proprio gusto o piacere."*

Kif nistgħu nedukaw sewwa l-ġenerazzjoni li tielgħa jekk ngħallmuha tinqata' għalkollox minn kull kontest tradizzjonali: mil-letteratura klassika, mit-tradizzjoni tal-Knisja, mid-drawwiet tajba li għaddewlna missirijietna, mill-morali nisranija li tant ħadet żmien biex issawret kif inhi llum, mill-istorja kulturali tal-pajjiż li tkun twieldet u qed tgħix fih? Jekk tagħmel hekk, ikun ifisser li tkun tilfet l-identità proprja tagħha. Minħabba f'hekk tħossha mitlufa, ma għandhiex ma xiex tiggranfa, ma għandhiex referenzi. Ara x'diżgrazzja. L-identità tal-ġenerazzjoni żagħżugħa ma għandha tinqata' qatt mill-għeruq, inkella tinxef. Inkella titlef ħafna valuri li xogħolhom hu, jekk iż-żgħażagħ jitħarrġu fihom, li jagħmluhom nies u, jekk ikunu nsara, kattoliċi tajbin.



Ħafna diskors żejjed speċjalment l-iskola ma jagħmilx tajjeb. Idaħħal bosta ideat foloz li flok ġid jagħmlu d-deni, ħsara morali li mbagħad ikun diffiċli li twaqqafha jew tirripara għaliha.

> **Mulej, agħtina ħafna għalliema għaqlin li jżommu ruħhom 'il bogħod minn ħafna ideat boloh li jagħmlu ħażin lill-istuenti tagħhom.**

## KOMPLIKAZZJONIJIET TA' DNUBIET

X'qed jiġri f'ċertu quddies ta' tieġ, funerali, okkażjonijiet ta' magħmudijiet u ġublewijiet? Aħna s-saċerdoti qegħdin nindunaw li ċerti għarajjes, familjari ta' persuni mejtin li jkun qed isirilhom il-funeral, persuni preżenti għal ċerti ċirkostanzi speċjali qed jaqbdu u jitilgħu jitqarbu bi dnubiet mejta, bla ma jkunu marru jqerru qabel.

L-istess ħaġa qiegħda tiġri fil-quddies ta' nhar ta' Ħadd. Xi wħud iħossuhom miġburin fil-quddiesa ta' dak is-saċerdot jew tal-ieħor u, għax iħossu ċerta devozzjoni taħkimhom, qed jaqbdu u jitilgħu jitqarbnu bħallikieku xejn, mota f'ruħhom ma jkunux fl-istat tal-grazzja ta' Alla.

Dan huwa abbuż morali serju. Min qed iġib ruħu hekk irid jifhem li qiegħed jikkomplika s-sitwazzjoni mwiegħra ta' ruħu u ma jaqbillux ikompli sejjer hekk. Dan biex jitqarben, l ewwel irid jindem minn dnubietu, iqerr qrara tajba u mbagħad jersaq jitqarben

San Pawl jgħallem: **"Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u tad-demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess. Għalhekk ħafna fostkom huma bla saħħa u morda u oħrajn mejta"** (1Kor 11:27-30).

Minħabba kullma għedt, hawn ċerti saċerdoti li fil-bidu tal-quddiesa jew qabel it-tqarbin, qegħdin jiġbdu l-attenzjoni tal-persuni preżenti fil-miġemgħa liturġika, biex ħadd minnhom li hu fid-dnub il-mejjet ma jissogra jitla' jitqarben. Ara fejn kellhom jaslu!

Wara l-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) kien naqas it-tqarbin u żdied il-qrara; wara l-Konċilju Ekumeniku Vatikan II (1962-1965), żdied it-tqarbin u naqas il-qrar.

**Mulej, agħmel li dejjem nersaq nirċevik fl-istat tal-grazzja, qatt b'qalbi maħmuġa bid-dnub il-mejjet, iżjed u iżjed ċerti dnubiet iżjed orribbli minn oħrajn.**

## RITRATT TAS-SITWAZZJONI

G.K. Chesterton ma kienx qed jiżbalja meta qal: **"Meta l-bniedem ma jkomplix jemmen f'Alla, ma jfissirx li issa se jsir ma jemmen f'xejn iżjed: anzi issa jibda jemmen kollox."** Kemm kien bravu dan l-Ingliż! Kemm kien jagħmel osservazzjonijiet f'posthom u profondi!

Forsi llum il-ġurnata mhux qed jiġri dak li għadu kemm qal l-awtur Ingliż? Iva, hekk qed jiġri kif kien qal hu. Hawn ħafna li qed



jagħmluha tal-ħelwin. Xeħtu kollox il-baħar, ibda minn Alla li ħalaqhom, qaddishom, fdiehom u wegħdhom il-ħajja ta' dejjem. Issa li għamlu hekk, avolja Alla jibqa' jiġri warajhom, forsi jintebħu fl-iżball tagħhom, jerġgħu jiġu f'sensihom u jerġgħu jibdew jemmnu tassew fih u jkunu kuntenti fil-verita', ma jfissirx li se jwarrbu kollox.

Il-vojt li kien jimla Alla fil-ħajja tagħhom issa jrid jintela bil-ħrejjef, b'ideat strambi, ambigwi u perikolużi moralment u etikament, b'opinjonijiet boloh, bid-duħħan... F'kelma waħda, jibdew jemmnu kollox, kull ma jisimgħu jibdew jibilgħuh daqs mazzun. Qalbhom ma jistax ikun li tippermetti vacuum. Bilfors trid timtela b'affarijiet oħra li, f'dan il-każ, jagħmlulha ħafna deni spiritwali u morali.

**Mulej, irrid li inti tibqa' l-aqwa valur ta' ħajti.**

## SBUĦIJA VERA

It-tfajliet li moħħhom f'Miss Malta huma ħafna. Dawk li jintagħżlu għall-*contest* u dik it-talija li mbagħad tirbaħ għax tiġi l-ewwel, ma jridux iħallu demmhom jitlagħlhom għal rashom u jinsew li s-sbuħija fiżika hija skin deep biss, ma hiex kollox. Iridu jibqgħu umli u saqajhom fl-art, bla ma jxammru imneħirhom u jitilfu bosta ġid ieħor li jiswa iżjed mill-figura sabiħa li jkollhom. Ħa jaqbżu qabża għand is-sorijiet tal-klawsura u jaraw kemm hemm sorijiet sbieħ, imma sbuħithom hija rifless tal-qdusija ta' ruħhom.

Mılhux f'omelija, saċerdot fakkar lit-tfajliet li kienu se jieħdu sehem f'konkors ta' sbuħija, f'erba' kelmiet li kienu ħarġu minn fomm Audrey Hepburn (1929-1993), *"the ultimate screen beauty in a survey of Hollywood actresses through the ages."* Kienet qalet hekk: *"Per avere labbra attraenti, pronuncia parole di tenerezza; per avere una figura snella, condividii il tuo cibo con chi soffre la fame; per avere bei capelli, lascia che un bambino passi le sue dita tra di essi una volta al giorno."*



Bi kliemha Hepburn uriet fejn tinsab tassew is-sbuħija fiżika: fis-sbuħija spiritwali. Attriċi taċ-cinema qed tistqarr hekk u mhux xi Papa, xi Isqof, xi qassis, xi patri jew xi soru. Kliemha huwa konkret u, minħabba f'hekk ta' min jagħti kasu, iżjed u iżjed meta hawn ħafna tfajliet moħħhom fil-ħmerijiet, moħħhom fis-sbuħija fiżika biss. Qisu fid-dinja tagħhom, għalihom, teżisti din il-ħaġa biss, li mhux veru. •

**Mulej, għamel li jiena nkun tfajla sabiħa għax is-sbuħija hija rifless tiegħek, imma mhux waħda sabiħa b'moħħi fuq il-werqa, fil-ħmerijiet biss.**



# ĦSIBIJIET FUQ SAN PAWL (9) "ĦA JGĦARBEL IL-BNIEDEM LILU NNIFSU, IMBAGĦAD JIEKOL IL-ĦOBŻ U JIXROB IL-KALĊI" (1 Kor 11, 27-28)



Minkejja li l-Appostlu San Pawl iqiegħed lil Ġesù Kristu u l-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni bħala ċ-ċentru tal-predikazzjoni tiegħu, huwa kważi qatt ma jirreferi għall-azzjonijiet ta' Ġesù jekk mhux dik tal-mewt u l-qawmien tiegħu. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għat-tagħlim tiegħu li fih l-Appostlu Pawlu jagħti istruzzjonijiet li jixbhu ħafna lil dawk ta' Ġesù, b'danakollu huwa rari ħafna jikkwota direttament mit-tagħlim ta' Ġesù. Fil-fatt biex inkunu korretti hemm sitt referenzi espliċiti għall-**"kliem tal-Mulej"** fl-Ittri ta' San Pawl. Dawn insibuhom f'1Kor 7:10-11; 9, 14; 11:23-25; 14:37; 2 Kor 12:9; 1 Tess 4:15-17.

Fost dawn tispikka 1Kor 11:23-25: **"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi."** Ladarba Pawlu kiteb qabel ma nkitbu l-Evanġelji, allura nistgħu nqisu dawn il-kelmiet bħala l-ewwel



rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija fit-Testment il-Ġdid.

B'mod tassew sabiħ, l-Appostlu San Pawl jorbot it-tagħlim tiegħu fuq l-Ewkaristija ma' dak fuq il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu. Fil-fatt dan narawh ftit versi qabel din is-silta li għadna kemm semmejna. Hawnhekk Pawlu jikteb hekk lill-Insara ta' Korintu: **"Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda"** (1Kor 10:16-17). Dak li jidher f'dan il-kliem huwa li l-ħobż u l-kalċi jsiru espressjoni tal-għaqda flimkien ta' dawk li jemmnu u jieħdu sehem mill-Ewkaristija.

Jekk imbagħad nimxu ftit versi lura nkomplu naqraw kif l-Appostlu Pawlu issa jorbot dan kollu ma' ġrajja li naqraw fuqha fil-paġni tat-Testment il-Qadim. F'1Kor 10:1-4, huwa jikteb: **"Għax ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti; missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, lkoll qasmu l-baħar, ilkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar. Ilkoll kielu mill-istess ikel spiritwali – xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu."** Pawlu hawn qed jieħu x-xbieha tal-blata li minnha l-Lhud xorbu fil-mixja tagħhom fid-deżert u jxebbaħha mal-persuna ta' Kristu. Kristu huwa l-għejjun/in-nixxiegħa spiritwali li minnha nistgħu nixorbu fil-mixja tal-ħajja tagħna. Imma l-Appostlu jkomplu jikteb: **"madanakollu l-biċċa l-kbira minnhom lil Alla ma għoġbuhx għax ilkoll waqgħu mejta fid-deżert. Dan ġara b'eżempju għalina, biex ma nixxenqux għal ħwejjeġ ħżiena, bħalma xxennqu huma. Tmorrux wara l-allat foloz, kif għamlu xi wħud minnhom"** (vv 5-7).

Dan l-ikel u dan ix-xorb, mela, li minnu qed jitkellem l-Appostlu San Pawl b'riferenza għall-Ewkaristija, ma jistax la jgħaqqadna flimkien u wisq aktar ma' Kristu Ġesù jekk ħajjitna m'aħniex ngħixuha tajjeb. Fil fatt San Pawl hawnhekk jgħaddi biex isemmi lista ta' dnubiet, l-ewwel f'din il-lista huwa jimmarka l-idolatrija. Jekk inkomplu naqraw din l-Ewwel Ittra lill-Korintin, naraw kemm Pawlu jsemmi tant każi li jikxfu l-mod ħażin li bih kienu qegħdin jgħixu ħajjithom u jiċċelebraw l-Ewkaristija dawn l-insara fil-belt ta' Korintu. Huwa qawwi ħafna, mela, l-kliem ta' Pawlu: **"dan ġara b'eżempju għalikom."** Dan ifisser li aħna rridu nifthu għajnejna, nitgħallmu minn dak li għamlu oħrajn biex ma nagħmlux bħalhom.

Fil-fatt, wara li Pawlu jagħtina l-kliem ta' Ġesù fil-ġesti li għamel fl-aħħar ċena, huwa jkompli jgħid: **"Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ha jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi"** (1Kor 11:27-28). Pawlu jagħlaq dan l-argument billi jwissina li min ikun qed jagħmel hekk, l-Ewkaristija minflok issir barka timbidel għalih f'ġudizzju: **"Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess"** (v.29).

Ejjew nieħdu dan il-kliem bis-serjetà! •



# SALVE SANCTE GEORGI

**9 TA' MEJJU**
SENTEJN
MILL-KANONIZZAZZJONI

*Salve Sancte Georgi*
*Verbi Dei praeco*
*Dux Catechistarum*
*Iesum ora pro nobis*

*Salve Sancte Georgi*
*Fidei apostole*
*Plebis consolator*
*Fortis intercessor*

*Salve Sancte Georgi*
*Cultor veritatis*
*Mitis humilisque*
*Iuvenum magister*

*Salve Sancte Georgi*
*Bone pastor gregis*
*Custos puerorum*
*Forma formatorum*

*Salve Sancte Georgi*
*Speculum pudoris*
*Scelerum bellator*
*Dulcisque confessor*

Sliem għalik SanĠorġ
Ħabbâr tal-Kelma t'Alla
Gwida tal-katekisti
Itlob lil Ġesù għalina

Sliem għalik SanĠorġ
Appostlu tal-fidi
Konsolatur tal-poplu
Avukat qawwi quddiem Alla

Sliem għalik SanĠorġ
Kultur tal-verità
Umli u manswet
Għalliem taż-żgħażagħ

Sliem għalik SanĠorġ
Ragħaj twajjeb tal-merħla
Kenn għat-tfal kollha
Mudell tal-formaturi

Sliem għalik SanĠorġ
Eżempju ta' modestja
Għadu kbir tad-dnub
Konfessur tant ħelu



Nhar it-3 ta' Ġunju 2007, il-Papa Benedittu XVI ipproklama lil Dun Ġorġ Preca qaddis. Fl-omelija tal-kanonizzazzjoni tiegħu, il-Papa hekk iddeskriva lil Dun Ġorġ: "Ġorġ Preca kien ħabib ta' Ġesù u xhud tal-qdusija li tiġi minnu." Għall-Papa Benedittu li tkun midħla ta' Ġesù hija essenzjali biex tħabbru lill-oħrajn.

| | |
|---|---|
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Magne praedicator*<br>*Pacis divulgator*<br>*Angele virtutum* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Predikatur mill-aqwa<br>Promotur tal-paci<br>Anġlu ta' kull virtù |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Decus sacerdotum*<br>*Miseris adiutor*<br>*Pater taumaturge* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Glorja tas-sacerdoti<br>Għajnuna ta' l-imsejknin<br>Missier u tawmaturgu |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Verbi Seminator*<br>*Vere Papae fili*<br>*Gloria Melitensium* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Bidwi li jiżra l-Kelma<br>Tassew iben tal-Papa<br>Glorja tal-Maltin |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Serve Trinitatis*<br>*Amans Deum vivum*<br>*Cantor sanctitatis* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Qaddej tat-Trinità<br>Maħbub ta' Alla l-Ħaj<br>Għannej tal-qdusija |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Vulnera adorans*<br>*Soci Crucifixi*<br>*Frater Carmelitis* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Adoratur tal-Pjagi<br>Socju ta' l-Imsallab<br>Ħu l-Karmelitani |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Doctor recte prudens*<br>*Quietis amice*<br>*Servans mox silentium* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Għalliem rett u prudenti<br>Ħabib ħerqan tal-kwiet<br>Pront biex tħares is-skiet |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Mundi peregrine*<br>*Annuens Plaustrario*<br>*Plostellum compellens* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Pellegrin f'din l-art<br>Tobdi lit-tfajjel ckejken<br>Lest biex timbotta l-karretta |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Famule Mariae*<br>*Vates mysteriorum*<br>*Lucis propugnator* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Qaddej ta' Sidtna Marija<br>Profeta tal-misteri<br>Difensur tad-Dawl |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Comes Evangelii*<br>*Grate veniam petens*<br>*Pauper coram Deo* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Ħabib ta' l-Evanġelu<br>B'ħajr titlob lis-Sinjur maħfra<br>Fqir quddiem Alla tiegħek |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Divi Pauli fili*<br>*Docens comitorum*<br>*Papidum fundator* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Iben dehen ta' San Pawl<br>Għalliem tas-socji tiegħek<br>Fundatur tal-"papidi" ("ulied il-Papa") |
| *Salve Sancte Georgi*<br>*Verbi Dei praeco*<br>*Gloria Melitensium*<br>*Iesum ora pro nobis* | Sliem għalik SanĠorġ<br>Ħabbâr tal-Kelma t'Alla<br>Glorja tal-Maltin<br>Itlob lilĠesù għalina |

# TALBA

O Alla, int sejjaħt lissacerdot tiegħek, San Ġorġ Preca, għallministeru ta' levanġelizzazzjoni, agħtina nitolbuk li mħeġġin bittagħlim tiegħu u msaħħin bl-intercessjoni tiegħu, aħna wkoll naħdmu bla heda għas-saħħa taddinja u nħabirku biex jitkattar lgħadd ta ' dawk li jemmnu. B'Ibnek Gesu Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

# Mill-Kitba ta' San Ġorġ Preca

*"Oh kemm jenħtieg li wieħed iħabrek għat-tagħlim! Oh kemm ftit dawk li jinteressaw ruħhom biex jgħallmu, skars wisq it-tagħlim u għalhekk ftit huma li jgħożżu l-ħajja spiritwali! Xejn m'hu prezzjuż daqs kemm it-tagħlim li huwa l-għajn ta' kull ġid".*

***"Grazzi Sinjur Alla! Aħfirli Sinjur Alla!"***



# KAPAĊI NIĠBDU ĦABEL WIEĦED?

Fil-jiem ta' bejn il-5 u s-7 ta' Diċembru 2008, il-Gi. Fra Floriana organizza l-Live-in tal- Avvent fis-St Joseph Home, ir-Rabat. Għalija kienet l-ewwel esperjenza ta' live-in u nista' ngħid li kienet esperjenza li nibqa' niftakar tul ħajti kollha.



Dħalna l-Ġimgħa x'is-6:30pm u bdejna billi kilna xi ħaġa flimkien u wara l-ewwel sessjoni. Xi jiem qabel il-live-in, kull membru kien ta ritratt tiegħu, ta' meta kellu bejn 3 u 8 snin, lil-organizzatriċi tal-laqgħa. F'din is-sessjoni r-ritratti ngħataw numru u kull membru għażel numru minn dawn. Permezz ta' dan in-numru li għażilna ppruvajna naqtgħu min hi dik il-persuna fir-ritratt. Kienet sessjoni fejn ħadna gost flimkien għax fiha bdejna nsaħħu r-relazzjoni ta' bejnietna.

Spiċċajna dil-ġurnata billi għamilna adorazzjoni fejn permezz tagħha dħalna aktar fl-ispirtu tal-Avvent.

Il-ġurnata tas-Sibt kienet mimlija ħafna. Bdejna bit-talb ta' filgħodu, li ħadu ħsiebu żewġ membri tal-grupp. Wara li ħadna l-kolazzjon, bdejna bis-sessjonijiet li kienu mmexxija minn grupp li ġie mistieden apposta għal dan il-live-in, SPYS. Għamilna diversi sessjonijiet magħhom fejn ħdimna ħafna bħala grupp u b'hekk sirna nafu aktar lil xulxin għax kulħadd beda jaqsam l-opinjoni u l-ideat tiegħu. Qabel l-ikla ta' filgħaxija, kellna adorazzjoni oħra li din id-darba tmexxiet mid-direttur spiritwali tagħna Br Vince. Fiha konna vera miġburin u tlabna ħafna għal xulxin. Spiċċajna permezz tal-qrar li ġew jagħmlulna żewġ patrijiet, Patri Leslie OSA u Patri Josef OSA. Fl-istess ħin tal-qrar, kellna laqgħa nteressanti minn waħda mill-membri tal-kunsill. Din kienet bl-isem 'Ġirja mal-Bibbja.' Fiha kellna tisliba fejn kellna diversi mistoqsijiet dwar il-Bibbja u ridna nsibu r-risposta tal-tisliba mill Bibbja. Kulħadd wera entużjażmu f'din il-laqgħa u fiha tgħallimna diversi affarijiet ġodda.

Il-Ħadd kienet l-aħħar ġurnata tal-live-in. Bdejna bil-kolazzjon u wara kellna t talb ta' filgħodu mmexxi minn żewġ membri oħra tal-grupp. Imbagħad kellna sessjoni oħra li ġiet organizzata minn Br Vince u membru ieħor tal-kumitat. Fl-ewwel ġurnata tal-live-in tqassmitilna karta forma ta' ittra fejn kellna niktbu punti pożittivi fuq kulħadd u li mlejniha matul dawn it-tlett ijiem. Waqt din il-laqgħa kellna mmorru quddiem kull membru u ngħidulu l-punti pożittivi tiegħu/tagħha u mbagħad intuhom l-ittra bħala tifkira. Kienet sessjoni nteressanti għax mhux dejjem faċli tgħid lill-persuna x'tara punti sbieħ fuqha.

Permezz ta' din il-laqgħa komplejna nsaħħu r-relazzjoni tagħna għax kulħadd ra s-sinċerità f'ħaddieħor. Wara din is-sessjoni, Patri Josef OSA, laqgħa l-istedina tagħna u għamlilna quddiesa sabiħa, fejn ġiet akkumpanjata mid-daqq tal-kitarri u klarinett li ndaqqu minn xi membri tal-grupp. Wara kellna l-ikel u għalaqna b'evalwazzjoni tal-live-in, fejn fiha kulħadd wera x'punti għoġbuh u x'punti dejquh fil-live-in, biex b'hekk insaħħu dejjem aktar il-'Live-ins'. Fil-ħin tal-evalwazzjoni kulħadd ta lill-President tal-kunsill il-flokk li ħdimna fuqu fi gruppi f'dawn it-tlett ijiem li iktar 'il quddiem se jintgħażel biex ikun il-flokk tal-grupp tagħna, l-Gi.Fra Floriana. •



# IL-BIDU U L-IŻVILUPP TAD-DJOĊESI TA' GARISSA (V)

## Minn Garissa t-twaqqif tal-Ordni Kapuċċin fil-Kenja

Patri Pelaġju Bilocca OFMCap



Patri Pelaġju Bilocca ħadem bħala missjunarju fil-Kenja bejn is-snin 1977 u 1997 u kien għal diversi snin u bosta drabi Superjur tal-Missjoni. Kien huwa li beda t-trawwim tal-vokazzjonijiet Kenjani fl-Ordni; wara, oħrajn taw sehemhom u din il-ħidma kompliet tagħti ħafna frott. Sa mill-1996 il-Missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini fil-Kenja saret Viċiprovinċja u xahrejn ilu ġie maħtur l-ewwel Viċiprovinċjal minn fost l-Aħwa tal-Kenja. Meta l-MinistruĠenerali tal-Kapuċċini żar il-Viċiprovinċja f'Ottubru li għadda radd ħajr lill-Provinċja ta' Malta għal dak kollu li sar u lil kull min ħadem hemmhekk. F'din is-sensiela ta' artikli fl-okkażjoni tal-35 sena li l-Aħwa Kapuċċini ilhom fil-Kenja u l-25 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' Huna l-Isqof Pawlu Darmanin, l-ewwel Isqof ta' Garissa, Patri Pelaġju jagħtina tagħrif dwar il-Bidu u l-Iżvilupp tat-Twaqqif tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja u l-esperjenza tiegħu f'din il-ħidma.



Ħamsa u tletin sena ilu konna fdati bil-Missjoni ta' Garissa fil-Kenja. Wieħed mir-rigali kbar li tana Alla kien li xettilna l-Ordni tagħna f'dak il-pajjiż. Bħal kull bidu ieħor, ix-xogħol ma kienx ħafif u d-diffikultajiet kienu enormi: 'il bogħod, l-ambjent, il-klima, il-kultura u elf ħaġa oħra kienu kontra tagħna. Iżda Alla veru ried l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja. L-ewwel żewġ żgħażagħ li ġew mħarrġin u mħajjra joqogħdu magħna kienu mill-Parroċċa ta' Hola. Kienu jiġu mgħallma u mħejjija bis-serjetà. Peress li f'Hola ma kellniex la fejn inżommuhom u lanqas fejn inħarġuhom, għamilna arranġamenti mal-Kapuċċini tat-Tanzanija biex nibgħatuhom għandhom u jħarrġuhom huma. Meta kellna kollox lest biex jitilqu, deher wieħed minnhom kollu ferħan, liebes pulit u eleganti. Mistoqsi għala hu hekk pulit, wieġeb u qal li sejjer jara l-mara li xtralu (!) missieru. Ftit ġranet wara, insibu mara b'tarbija f'idejha tistenna. Meta staqsejnieha xi trid, irrispondiet: **"Biex tgħidu lil żewġi li se jidħol magħkom biex jagħtini xi ħaġa izjed biex immantni lil dan ibni"**. Tistgħu taħsbu l-qtieħ il-qalb! Għall-Afrikani l-akbar problema hi l-kontinwazzjoni tal-familja.

Il-ħidma missjunarja tagħna fil-Kenja esprimiet ruħha bil-mod il-mod f'ħidmiet pastorali, soċjali u vokazzjonali. Konna nsejħin biex bħal Kristu nagħtu kull xorta ta' għajnuna lin-nies fid-diversi ħtiġiet tagħhom waqt ġuħ, mard, nixfa, nuqqas ta' skejjel u faċilitajiet ta' saħħa. GħaxĠesù, l-ewwel missjunarju, hekk għamel biex iwassal l-Aħbar it-Tajba. Flimkien ma' din il-ħidma, il-missjunarji kollha, kullimkien f'Garissa, wettqu din il-ħidma bil-qawwa kollha. Imma huma ngħataw ukoll għal kull ħidma pastorali u formazzjoni tal-komunitajiet insara. U meta wasal il-waqt bdejna ħidma wkoll biex inrawwmu vokazzjonijiet lokali biex kif trid il-Knisja jkunu huma nfushom li jkomplu l-ħidma ta' evanġelizzazzjoni fost nieshom.

## L-EWWEL ŻGĦAŻAGĦ

Fil-Kenja hemm fuq sebgħin tribù, kollha bil-lingwa, djalett u t-tradizzjonijiet tagħhom. Minn dawn trid tifforma t-tribù tal-Mulej! Alla kellu l-pjan tiegħu għalina; mexxiena Hu. Laqqagħna ma' żgħażagħ oħra li ma kienux minn Garissa u rġajna bdejna mill-bidu. Iż-żgħażagħ magħżula urew huma wkoll kuraġġ u determinazzjoni. Fil-bidu tant kien hemm qtiegħ ta' qalb li ħafna kienu konvinti li fi ftit ġimgħat żgur jisfaxxa kollox

Imma l-problemi fihom it-tajjeb tagħhom ukoll. Il-problemi joħorġu wkoll it-tajjeb ta' kull wieħed. Fuq kollox Alla kien magħna. San Franġisk ħadna f'idejh u l-ewwel erba' żgħażagħ: Andrew Mwaura, Michael Ngethe, Andrea Osoro u John Maingi

f'Settembru 1980, ġew f'Garissa jgħixu magħna sabiex jitħejjew għall-ħajja Franġiskana Kapuċċina. It-tliet żgħażagħ urew ħeġġa u rieda soda. Li ma kienx hekk żgur li kollox kien jieqaf. F'Novembru 1982 dawn l-erba' żgħażagħ twasslu għand il-Kapuċċini fit-Tanzanija, li dak iż-żmien kienet Viċiprovinċja mmexxija mill-Patrijiet Svizzeri u li kienu tassew organizzati. Hemm huma bdew il-postulandat proprju tagħhom. Tnejn minn dawn l-ewlenin vokazzjonijiet illum huma saċerdoti u kellhom diversi karigi fil-Viċiprovinċja tal-Kenja. Minn dak iż-żmien 'l hawn, kull sena baqa' jkollna numru sabiħ ta' postulanti li jkunu jixtiequ jħaddnu l-Ordni tagħna. Illum il-postulandat isir kollu fil-Kenja taħt tmexxija ta' diretturi Kapuċċini Kenjani ġo kunvent tagħna li qiegħed fir-raħal ta' Umoja ftit il-barra minn Mpeketoni.

Dan kien fiż-żmien li Patri Frans Baldacchino kien Superjur tal-Missjoni. Hu kien ħa ħsieb jiġbor il-fondi meħtieġa għal bini ta' post kbir. L-art li kellna kienet madwar 10 acres, ħafna minnha art tajba għall-biedja u din fil-fatt tipproduċi biż-żejjed għal manteniment tal-istess postulanti. Id-disinn tal-pjanta sar minn Patri Taddew Schembri u l-bini tal-post ħa ħsiebu Patri Ilarju Abela sakemm tlesta fl-1989. Il-post kien ġie nawgurat fil-5 t'Awwissu 1990 mill-Provinċjal Patri Franġisku Azzopardi. Wara l-omelija tiegħu, l-Provinċjal laqa' sitt żgħażagħ, li minn Garissa ġew trasferiti għal Umoja bħala postulanti. Hekk baqa' jsir kull sena u qed jintlaħaq l-iskop li għalih inbena dak il-kunvent li jaqdi l-Viċiprovinċja fit-trawwim tal-aspiranti għall-Ordni.

L-ikbar rigal li stajna nagħtu lill-Knisja żgħażugħa tal-Kenja, li fl-1989 iċċelebrat l-ewwel ċentenarju tal-fidi kattolika, hi l-kariżma reliġjuża tagħna.

Il-Kardinal Maurice Othunga, Arċisqof ta' Nairobi, li miet ftit ilu, kien iħobb jgħid li Ordni Reliġjuż hu rikkezza għall Knisja fil Kenja.





ANNIVERSARJI GARISSA, IL-KENJA



Tajjeb li hawn jingħad li jeżisti ftehim bejn il-Kapuċċini tal-Kenja, tat-Tanzanija u taż-Żambja biex il-Postulandat u l-ewwel trawwim isir fil-pajjiż tal-individwu, imbagħad in-novizzjat isir Kasita, fit-Tanzanija, l-istudji tal-Filosofija jsiru fil-Kulleġġ San Bonaventura taż-Żambja waqt li t-Teoloġija ssir fis-Seminarju Inter-Reliġjuż li hemm f'Lang'ata, Nairobi, fil-Kenja. Fil-Kenja hemm Seminarju apposta għar-Reliġjużi kollha, li fih jilqa' wkoll studenti Reliġjużi minn diversi pajjiżi. Dan hu magħruf għat-tagħlim tajjeb u sod li jingħata fih u għalhekk huwa affiljat mal-Università Urbanjana, f'Ruma. Barra dan hemm ukoll l-Università Kattolika għall-Afrika tal-Lvant fejn jista' wkoll isir studju aktar għoli u akkademiku u fejn ukoll kien jgħallem Patri Manwel Barbara tagħna fid-Dipartiment tal-Morali, waqt li Patri Publiju Mair kien jgħallem u kien ukoll fl-amministrazzjoni tal Istitut Inter reliġjuż imsemmi li huwa mmexxi mill-Missjunarji tal-Consolata.

## L-EWWEL PROFESSJONI RELIĠJUŻA U ORDINAZZJONI

Kien jum ta' ferħ kbir meta tnejn mill-ewwel grupp ta' postulanti spiċċaw in Novizzjat u nġibu l Kenja mit-Tanzanija biex jagħmlu f'pajjiżhom l-ewwel Professjoni Reliġjuża tagħhom. Il-funzjoni saret fil-beraħ nhar it-3 ta' Marzu 1985 fil-parroċċa ta' Mpeketoni u tmexxiet mis-Superjur Regolari ta' dak iż-żmien, Patri Frans Baldacchino.

Fil-Kenja ebda quddiesa ma tieħu inqas minn sagħtejn, allura mmaġinaw kemm damet funzjoni tant solenni. Imma ħadd ma ddejjaq u ħadd ma għejja u ħadd ma telaq. Wara l-funzjoni saret ikla kbira għal kulħadd quddiem id-dar tal-patrijiet. Hi użanza f'ħafna nħawi fl-Afrika li kull min jieħu sehem fiċ-ċerimonja ikun mistieden ukoll għal ikla.

Okkażjoni oħra ta' ferħ kbir li wettqet il-ħolma tagħna kienet l-ordinazzjoni saċerdotali tal-ewwel żewġ djakni Kapuċċini Kenjani: Andrew Mwaura u Andrea Osoro. Il-funzjoni saret ukoll fil-beraħ, fil-belt industrjali ta' Ruiru, li hi wkoll parroċċa fdata lilna l-Kapuċċini. Il-funzjoni tmexxiet mill-ewwel Isqof Kapuċċin fil-Kenja, Mons. Pawlu Darmanin. U saret f'din il-parroċċa għax wieħed mill-ordinandi kien trabba fiha u ommu, li hi Terzjarja Franġiskana, hi attiva ħafna. Il-ferħ tal-poplu kien fenominali. Kif ukoll fraħna aħna l-patrijiet meta rajna l-frott tal-ħidma u s-sagrifiċċju tagħna. Il-Kapuċċini kollha li kienu l-Kenja dak iż-żmien ħadu sehem fil konċelebrazzjoni. Wara l funzjoni, l-ikla

tradizzjonali għal kulħadd ma naqsitx. Imma fil-ferħ tagħhom in-nies kienu aktar moħħhom biex jiżfnu u jkantaw u kontinwament jerfgħu liż-żewġ saċerdoti ġodda.

Biex dawn l-Aħwa Kapuċċini waslu sa hawn ġew mogħtija formazzjoni sħiħa kif titlob l-knisja u kif jitolbu l-Kostituzjonijiet tagħna, kemm bħala reliġjużi kif ukoll bħala saċerdoti. It-tħejjija akkademika tingħata fil-Kulleġġ Inter-Reliġjuż li hemm Lang'ata, kif ġa semmejt. Il-boroż ta' studju li diversi benefatturi Maltin u Għawdxin bagħtulna kienu mezz effikaċi biex stajna mmantnu u nedukaw lil dawk iż-żgħażagħ Kenjani. Ibqgħu ċerti li l-benefatturi għandhom sehem kbir fil-ħajja reliġjuża ta' dawn ħutna u fl-apostolat li huma jwettqu.

Aħna l-Kapuċċini konna minn ta' quddiem li ħadna sehem fit-tfassil u fl-organizzazzjoni ta' dan is-Seminarju li jiġbor fih studenti minn madwar 60 Ordni u Kongregazzjoni reliġjuża. L-istudenti tagħna, bħal studenti ta' Ordnijiet oħra, għandhom residenza separata għalihom u tinsab relattivament viċin tas-Seminarju Inter-Reliġjuż fejn imorru għall-lezzjonijiet tagħhom. Sakemm tlesta dan is-Seminarju, konna residenti f'dar mdaqqsa mikrija minn għand il-familja Chege. Imma billi n-numru tal-istudenti tagħna kiber, allura għamilna arranġamenti mal-patrijiet Franġiskani Konventwali biex l-istudenti tagħna jingħaqdu ma' tagħhom sakemm titlesta d-dar tagħna.

Dan il-post spazjuż u arjuż nbena wkoll bit-tħabrik ta' Patri Frans Baldacchino, bil-għajnuna tal-KurjaĠenerali, ta' bosta Provinċji Kapuċċini oħrajn flimkien ma' tant benefatturi Maltin u Għawdxin. Id-disinn u l-pjanti saru mill-perit Taljan residenti l-Kenja, Giovanni Sardelli, fuq art mogħtija lilna minn Francis u Teresina Chege waqt li Patri Publius Cassar tħabat biex iġib il-permessi meħtieġa f'qasir żmien.

Din id-dar tlestiet fl-1990 meta l-patrijiet u l-istudenti marru fil-bini l-ġdid fl-Għid ta' 1990; imbagħad ġiet






ANNIVERSARJI GARISSA, IL-KENJA



imbierka u inawgurata min-Nunzju Apostoliku fil-Kenja, l-E.T. Mons. G. Faccani fil-15 t'Awissu 1990.

Mindu tlesta dan is-Seminarju, ħarġu minnu għaxriet ta' saċerdoti Kapuċċini. Illum diversi minn dawn ħutna jokkupaw karigi importanti fl-istess Viċiprovinċja. Uħud minnhom ukoll intbagħatu għal korsijiet specjalizzati. Oħrajn studjaw fl-Università Gregorjana u Universitajiet Pontifiċji f'Ruma minn fejn akkwistaw gradi akkademiċi bl-unuri kollha. Fl-inħawi ta' Lang'ata hemm ukoll l-Università Kattolika tal-Afrika tal-Lvant (C.U.E.A.) li semmejna qabel u fejn uħud jkomplu jispeċjalizzaw l-istudji tagħhom. Il-futur tal-Ordni tagħna fil-Kenja jipprometti ħafna u hija t-tama li l-Aħwa Kenjani jkomplu fejn ħallew l-Aħwa Kapuċċini Maltin. Sfortunatament, wieħed mill-aħwa li studja u ħa l-lawrija f'din l-Università (Patri George Oduol) miet f'qasir il-għomor, eżatt kif spiċċa l-kors.

## MINN KUSTODJA GĦAL VIĊIPROVINĊJA

Ħafna drabi l-frott ta' ħidma missjunarja aktarx ma jidhirx. Wisq inqas ma jidhirx l-għaraq u dmugħ tagħhom. Il-bidu tal-Ordni Kapuċċin fil-Kenja hi storja tensa u twila u mżewqa. Imma hemm tama għall-ġejjieni. L-ebda stampi jew ċifri ma huma biżżejjed biex juru jew jispjegaw il-ħidma fejjieda li saret matul is-snin. Il-patrijiet li ħadmu hawn, ħadmu b'fiduċja sħiħa f'Alla u taw sehemhom biex f'dawn l'inħawi tinbena Knisja ħajja, u b'saħħitha għall-qadi tal-Knisja kollha, imma b'mod speċjali fil-Kenja.

Frott ta' dan l-iżvilupp kollu u tan-numru tal-Aħwa Kapuċċini Kenjani dejjem jiżdied deher fis-Sitt Kapitlu Ordinarju Elettiv tal-Kustodja tal-Kenja, li kien sar fil-bidu ta' Frar 1993. Dakinhar ġiet mistħarrġa l-possibbilità li l-Kustodja ssir Viċiprovinċja. Tliet snin wara, f'Jannar 1996, saret viżta formali lill-Aħwa fil-Kustodja tal-Kenja mill-MinistruĠenerali ta' dak iż-żmien, Patri John Corriveau. Dan kien akkumpanjat mid-DefiniturĠenerali għall-Afrika P Patri Taddeus Ruwa'ichi u l-Provinċjal ta' Malta, Patri Philip Cutajar. Wara li daru l-Missjoni kollha u tkellmu ma' kull individwu, huma wrew apprezzament għall-iżvilupp kbir li sar u l-ħidma sfieqa li twettqet u raw il potenzjal li hemm għal aktar progress.

Il-MinistruĠenerali kellem lil Aħwa miġbura għal dik l-okkażjoni fid-dar tagħna ta' Westlands, u esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dak kollu li kien sar sa mill-wasla tal-ewwel missjunarji Maltin fl-1974.

Qal li kien kuntent ħafna bil-progress milħuq, u awgura li nkomplu mexjin 'il quddiem. Aktar tard, l-Aħwa ġew infurmati li d-DefinitorjuĠenerali approva li l-Kustodja tal-Kenja ssir Viċiprovinċja.

Din ġiet imwaqqfa uffiċjalment fit-3 ta' Lulju 1996. Mexxa ċ-ċerimonja tal-proklamazzjoni d-Definitur Ġenerali għall-Afrika Patri Thaddeus Ruwa'ichi, fil-preżenza ta' diversi Isqfijiet, fosthom l-Isqof Pawlu Darmanin, awtoritajiet ċivili, ħafna ħbieb u benefatturi. Inqara d-Digriet tat-Twaqqif tal-Viċiprovinċja u tal-ħatra ta' Patri Manwel Barbara bħala l-ewwel Viċiprovincjal tal-Aħwa Kapuċċini fil-Kenja. Fil-ġimgħa festi li saru f'dik l-okkażjoni, kienet saret laqgħa għat-Tliet Ordnijiet Franġiskani u l-Professjoni Solenni ta' erbgħa Aħwa Kapuċċini Kenjani. L-għada tat-tħabbira tal-Viċiprovinċja kienet saret kkonċelebrazzjoni mmexxija mill-Kardinal Maurice Otunga, l-Arċisqof ta' Nairobi.

Is-Superjur tal-Patrijiet Kapuċċini għal bosta snin kien jgħix l-bogħod ħafna min-Nairobi, il-belt kapitali. Sas-sena 1981, is-superjur li kien jinħatar kien jibqa' fejn ikun sabiex l-aktar, minħabba nuqqas ta' missjunarji, kien jista' jkompli ħidma fejn kien. Imma mbagħad aktar ma għadda ż-żmien u l-Aħwa l-aktar lokali komplew żdiedu, bdiet tinħass il-ħtieġa li s-Superjur ikun jgħix f'Nairobi fejn ikollu wkoll uffiċċji u amministrazzjoni Ċentrali. Kien f'Nairobi li fl-1985 sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li għalih ħa sehem l-istess Papa Ġwanni Pawlu II. Wara dan, l-istess Papa żar darbtejn oħra l-Kenja. Patri Ġorġ Bezzina meta kien Superjur tal-Missjoni akkwista dar żgħira f'Westlands, Nairobi. Wara nħasset il-ħtieġa li d-dar tkun irranġata u mkabbra. Fil-fatt llum din id-dar hi l-Kurja tal-Viċiprovincjal fil-Kenja, isservi għal ħafna attività u fiha nilqgħu lil dawk kollha li jiġu jħabbtulna l-bieb. Diversi qassisin, patrijiet u sorijiet jiġu jfittxuna għal-qrar. Ħafna kienu jżommuna bħala missjunarji fost il-missjunarji.

F'din l-okkażjoni li fiha l-Provinċja qed tiċċelebra dawn l-anniversarji

- tal-wasla fil-Kenja tal-ewwel Kapuċċini minn Malta,
- tal-ħatra tal-Isqof Pawlu Darmanin,
- tat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Garissa u
- l-ħidma twila tul dawn is-snin kollha u fuq kollox
- it-twaqqif tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin inħossuna grati ħafna lejn Alla u lejn tant ħbieb u benefatturi b'mod speċjali l-qarrejja tad-Dawl Franġiskan li kienu magħna dejjem tul dawn is-snin kollha u f'dawn l-avvenimenti kollha. •





"Ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt" (Fil 2:8)

Min hu l-ubbidjenti? Mt 7:21; Lq 6:46

"min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet".



Alla jkellimna mhux biex jikkmandana (għalkemm għandu s-setgħa biex jagħmel dan). Alla jkellimna biex jiggwidana, biex jgħinna ninbidlu f'Ibnu. Hemm żewġ tipi ta' ubbidjenza:

- **l-ubbidjenza għall-Patt** (il-Kmandamenti tat-Testment il-Qadim u tal-Ġdid
- **l-ubbidjenza għas-sejħat personali**

- Obdi sabiex tifforma ħajtek
- Obdi biex tegħleb it-tentazzjoni
- Obdi biex tkun taf il-moħħ ta' Missierek
- Obdi biex isservi lil ħutek

## ĠESÙ HU L-MULEJ!

Mulej, Sinjur, Sid. Aħna hekk insejħulu. Is-Sid hu propjetarju. Ġesù hu l-Kyrios. Aħna d-doulos (qaddejja f'sens Evanġellku). Aħna tiegħu, propjetà tiegħu!

X'jimplika dan? Nisimgħu sew lilna nfusna meta nkantaw: **"dil-qalb, dal-moħħ, dal-ġisem, dir-ruħ, irrid nagħtik o Mulej"**. Il-ħin, it-talenti, l-inkwiet, il-ferħ, il-mard, is-saħħa, ir-rebħiet, is-suċċessi, it-telfiet, il-fallimenti, ix-xogħol, id-divertiment, il-ġid materjali, il-familja, il-ħbieb, il-passatemp, l-imgħoddi, l-issa u l-ġejjieni. Aħna kollna tiegħu!

L-ubbidjenza tagħna lejn Ġesù hi kompleta meta mmorru l-ġenna. Sa dakinhar, misjuqa mill-Ispirtu s-Santu, nimxu b'ħilitna kollha u bid-dgħufija tagħna fuq il-passi tiegħu biex inħobbu lil Alla b'qalbna kollha, b'moħħna kollu, b'saħħitna kollha u b'ruħna kollha.

## X'TIP TA' UBBIDJENZA?

### Mhux ta' skjav!

Ta' wlied maħbuba, ta' ulied ħielsa li jagħżlu li jridu jobdu.

L-isfida hi l-għażla tas-Sid

Mt 6:19-24:
żewġ teżori

żewġ kundizzjonijiet (dlam jew dawl)

żewġ sidien

## LIL MIN SE NAQDU/NOBDU?

### Lil Alla ta' Ġesù Kristu?

Jew xi alla ieħor?: partit politiku, każin, passatemp, drawwa (versus tibdil/ tiġdid), ġid materjali, rabta ma' xi mexxej...? Liema hu t-teżor tiegħek li fih issib is-sigurtà, il-faraġ, it-tama?

L-attitudni ubbidjenti tal-fariżew li kkundanna Ġesu kienet legaliżmu?

L-attitudni ubbidjenti tan-nisrani hi l-fedeltà lejn is-Saltna ta' Alla!

L-ubbidjenza tad-dixxiplu lejn Ġesù hi s-sottomissjoni totali tal-persuna sħiħa għall-Mulej u l-pjanijiet tiegħu.

L-ubbidjenza ta' Ġesù hi l-mudell tagħna: "jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu" (Ġw 8:29).

## KONKLUŻJONI: IL-FROTT TA' L-UBBIDJENZA

Ġw 14:21.23: **"Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni, u min iħobb lili jħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi ... Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti u Missieri jħobbu u aħna niġu u ngħammru għandu"** •



# L-AZZJONI STRAORDINARJA TAX-XITAN (4)

## ID-DIXXERNIMENT(V)

**F'dan l-artiklu se nkompli nitkellem fuq il-manifestazzjonijiet li wieħed jistenna li jista' jkollu minn persuna maħkuma mix-xitan.**

Dun Gabrijel Amorth li ilu għal aktar minn 50 sena eżorċista ġewwa Ruma, jirrakkonta li omm ta' żagħżugħ kienet qiegħda tkellmu dwar l-imġiba stramba ta' binha. F'ċerti mumenti binha kien jesprimi rabja kbira u għajjat, jidgħi u mbagħad, wara xi ħin, jikkalma u lanqas biss jiftakar dak li jkun għadda mingħalih. Iżda l-problema kienet li dan binha ma kienx jitlob u ma kien qatt se jaċċetta li jmur għand xi saċerdot biex jitlob miegħu. Darba waħda, waqt li binha kien fil-garaxx tiegħu, għax kien jaħdem bħala mekkanik, din l-omm ħadet xi ħwejjeġ minn tiegħu u marret għand saċerdot biex jagħmel talba fuqhom u jroxxhom bl-ilma mbierek. Hekk kif ġie lura mix-xogħol, it-tifel inħasel u libes dawk il-ħwejjeġ. Imma wara xi ħin, ħassu skomdu u qabad u libes il-ħwejjeġ maħmuġin tax-xogħol mingħajr ma qal xejn. Minn dakinhar qatt ma reġa' libes dawk il-ħwejjeġ u lanqas biss riedhom fil gwardarobba tiegħu. Dan il-fatt wera aktar biċ-ċar il-bżonn li dan il-ġuvni jiġi sottomess għall-eżorċismi.

- Il-persuna jista' jkollha reazzjonijiet vjolenti ħafna ta' aggressività anki meta fil-fatt dak ma jkunx il-karattru tagħha. Dan jiġri mod speċjali meta xi ħadd jitlob magħha jew iberikha. Il-persuna tista' tkisser, tidgħi u twaddab oġġetti lejn min ikun preżenti. Dan kollu jista' jiġri anki jekk fil-fatt it-talb ma jingħadx verbalment, imma biss mentalment. Ħafna drabi jiġri li meta l-persuna tiġi għan-normal ma tiftakarx iżjed dak li jkun ġara.

In-normi tat-Titulus XII De exorcizandis obsessis a demonio tar-Ritwal Ruman, iħallu miftuħa l-possibbilità ta' manifestazzjonijiet oħra barra dawk imsemmija. Huwa jgħid: **"u fenomeni oħrajn ta' dan it-tip li aktar ma jkunu numerużi aktar jagħtuna ħjiel ċar tal-azzjoni straordinarja tax-xitan"** (n.3). Għalhekk f'dan l-artiklu se nibda' nagħti xi eżempji ta' fenomeni li seħħew waqt l-eżorċiżmu u f'mumenti ta' kriżi li minnhom jgħaddu l-persuni maħkuma mix-xitan, miġbura mill-esperjenza ta' diversi Eżorċisti tul is-snin:

- Il-persuna tista' taqa' fi speċi ta' raqda profonda u minnha tibda' toħroġ ċerta rabja jew qilla filwaqt li l-wiċċ jibda' jitlef in-naturalezza tiegħu.
- L-għajnejn jidhru ħomor nar jew kontinwament miftuħa mingħajr qatt ma jteptpu. Kultant anki jidhru kompletament bojod mingħajr il-ħabba tal-għajn.
- Tinbidel il-ħxuna u t-tonalità tal-vuċi.
- Permezz tal-ġesti tal-idejn u tas-swaba, il-persuna tagħmel sinjali li jintużaw mis-sħaħar jew minn gruppi eżoteriċi u okkulti. Tista' tisfida lil dawk preżenti permezz tal-ponnijiet magħqudin.
- Jekk dawn is-sinjali jseħħu waqt l-eżorċismu, il-persuna tinsulenta u tipprova taħbat għall-eżorċista jew għal xi ħadd minn dawk preżenti.
- Kultant ma' dawn il-manifestazzjonijiet ikun hemm ukoll remettar jew ragħwa mill-ħalq.
- Il-persuna jista' jkollha wkoll, għal xi waqtiet, deformazzjoni ta' membri tal-ġisem bħal: jitwalu l-idejn jew ir-riġlejn jew is-swaba.
- Il-persuna tagħmel ġesti u ħsejjes jixbħu lil tal-annimali: inbieħ bħal klieb, għajjat bħal-lupu, qbiż bħal qtates, ġiri fuq l-idejn u s-saqajn, tkaxkir bħas-sriep u oħrajn.
- Tista' tirremetti oġġetti bħal-labar, imsiemer, biċċiet ta' ktajjen, ġebel, troffi ta' xagħar, biċċiet ta' drapp, ħoloq u oġġetti oħra varji. Dawn ikunu l-oġġetti li fuqqom ikun sar il-magħmul. Ħafna drabi joħorġu mill-ħalq, imma dan ma jfissirx li fil-fatt ikunu fl-istonku tal-persuna, imma dawn jiġu materjalizzati fil mument li joħorġu mill-ħalq. Għalhekk il-persuna ma tiġrilix ħsara fiżika. Meta jseħħ dan ikun ifisser li l-persuna qed tagħmel passi 'il quddiem lejn il-ħelsien sħiħ tagħha.



# L-Omm

Mejju huwa x-xahar tal-Madonna; Mejju huwa wkoll ix-xahar li matulu nfakkru Jum l-Omm. Ta' kull sena aħna niddedikaw jum lil dik il-kreatura tant għażiża u maħbuba li ġabitna fid-dinja, rabbietna bl-ikbar għożża u min jaf x'għamlet sakemm ratna mmiddu l-ewwel passi tagħna! Mhux biss, imma wara li rabbietna, baqgħet issus warajna lesta dejjem biex tgħinna nterrqu fost tant ħotob u tlajja li toffrielna l-ħajja ta' madwarna.

Ta' dan kollu aħna ma nħossuna xejn ħlief grati lejha! Dwar dan xtaqt nieħu spunt minn pubblikazzjoni mensili, **"Il-ħbieb lsejħu"** li joħorġu l-membri tal-Museum tan-Nadur (Qasam subien). L-istorja li se nirrakkuntalkom iġġib l-isem **"Kellhom minn tal-ħmir"**. Araw x'jidhrilkom minnha!

Marija kienet armla li tħobb b'imħabba kbira lit-tliet uliedha subien. Tbakkar u tisħar biex ma jkun jonqoshom xejn.

It-tfal kienu ħawtiela. L-għelieqi tagħhom dejjem mimlija ġid. Wara nofs ta' nhar xogħol fir-raba kienu jiġu lura d-dar, jintasbu mal-mejda u jieklu dak li ommhom tkun ħejjitilhom. U l-istess kienu jagħmlu fil-għaxija.

Iżda darba, meta l-ulied waslu għall-ikla ta' nofsinhar, flok ikla sħuna bħas-soltu, sabu biss ftit tiben mqiegħed f'kull platt li kien hemm fuq il-mejda!

**"Ma, mela ħsibtna ħmir!"** staqsa l-kbir b'ton iebes.

**"Ħsibt li għandkom minn tagħhom għax dawk jieklu li tpoġġilhom quddiemhom u qatt ma jħossu li għandhom iroddu ħajr lil min iqegħidulhom quddiemhom. U billi intom qatt ma tgħiduli xejn wara li tieklu, ħsibtkom bħal ħmir... tikkuntentaw bit-tiben."**

Ħrafa... iżda b'tagħlima reali. Kemm ulied jersqu lejn il-mejda, jieklu u jitilqu 'l barra bla ma jindenjaw jgħidu grazzi jew prosit lil ommhom! Kulħadd jieħu gost b'kelma ta' radd il-ħajr. Ħlas żgħir għal tant sigħat ta' xogħol.

Għax x'jiswa li f'Jum l-Omm nagħtuha rigal sabiħ, imbagħad ma nurux apprezzament għal ħidmietha tul is-sena!

Tassew li l-Omm iktar tapprezza xi kumment sabiħ u f'waqtu milli xi oġġett materjali li żmienu jgħaddi u jintesa ma' tant oħrajn. Kemm aħna neqsin minn dawn il-kumplimenti li ma jiswewx u la flus u lanqas tbatija biex tlissinhom, imma kemm iħennu l-qalb ta' min jismagħhom!

Żgur li mhemmx qalb ikbar minn tal-omm. Din dejjem lesta biex tagħder, tħenn u taħfer lil uliedha. Fiha, min-naħa l-oħra, l-ulied isibu l-kenn, il-faraġ u s-serħan. F'waħda mill-poeżiji tiegħu, it-tabib Rużar Briffa jistqarr u jsaħħaħ dan il-ħsieb. Hu ma jridx ikidd lil ommu bin-niket u d-dwejjaq tiegħu, iżda għandha jrid jirrikorri biex isib il-hena tiegħu. U għalhekk fl-aħħar żewġ strofi tal-poeżija tiegħu

**'Lil Ommi'**, nisimgħuh jgħidilha:

***Aħjar hekk, omm, aħjar le taf li jiena***
***tlift l-hena kollu, sfajt għajjien, imdejjaq,***
***xbajt minn did-dinja, dinja fejn l-għarwiena***
***ħadd ma jlibbishom, ebda mard jitfejjaq.***

***Aħjar hekk, omm, aħjar taf biss li qalbi***
***terġa' tithenna xħin inħares lejk***
***u ħaġa waħda biss issaħħaħ talbi:***
***ħarsa ta' mħabba minn ħlewwiet għajnejk.***

Ta' kull sena f'Jum l-Omm, il-Moviment ta' Kana f'Għawdex jagħmel quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija biex jiftakar f'dawk l-ommijiet li llum m'għadhomx magħna. Għax ma rridux ninsew li fid-dinja, kull qalb trid oħra, u għalhekk għandna nħossuna fid-dmir li nitolbu għal dawk l-ommijiet li ħallewna, dawk l-ommijiet li dment li kienu magħna, għamlu minn kollox biex jarawna hienja u kuntenti. Ma nkunux ingrati u xħaħ issa magħhom aħna. Niftakru fihom mhux f'dan il-Jum biss, iżda matul il-bqija tas-sena kollha għax huma ssagrifikaw ħajjithom kollha biex illum aħna qegħdin hawn. Flok il-grazzi bil-fomm, flok

il-kaxxa ċikkulatini li konna nagħtuhom kieku għadhom magħna, nixirfu sal-midfen tagħhom illum u ngħidulhom xi talba qasira flimkien ma' dak il-bukkett fjuri niedi u sabiħ, għelm ta' mħabba. Għaliex kif jistqarr il-poeta Vincent Ungaro, fil-poeżija tiegħu, **"Wara l-mewt t'ommi"**,

***Int mitt biex tgħix, tgħammar ġo qalbna***
***B'demmek biss sħuna;***
***U jekk tħabbat il-qalb, tħabbat int magħha***
***Għalkemm midfuna.***
***W għalhekk fuq qabrek fejn tinsab mistrieħa***
***Sikwit tismagħna***
***Niġu nħabbtulek ftit, biex tbexxaq l-għata***
***U tqum tarana.***

Nibżgħu għaliha din il-ħlejqa msejħa Omm jekk din għadha mimlija għomor, mimlija ħajja, u nagħmlu minn kollox biex ma ninkwetawhiex, ma nonqsuhiex; għal kuntrarju, nogħġbuha u nħobbuha. Jekk b'xorti ħażina tlifniha, (lil ommi Lola jien tliftha xi snin ilu) ma ninsewhiex, nitolbu għaliha biex il-Mulej jieħu ħsieb idaħħalha fit-tgawdija tas-sema mnejn titlob għalina u tħejjilna t-triq biex għada pitgħada nkunu nistgħu ningħaqdu magħha! •



## L-OMM

L-Omm hi l-ikbar kreatura
Li teżisti fil-ħolqien
W ibqgħu ċerti li fid-dinja
Bħalha ma ssib żgur imkien.

Bla ma trid, meta tinħasad
Inti tgħajjat: 'ajma ma'!
U għalkemm daqsha essenzjali
Ma ssejjaħx int lil papà.

żgur li hemm xi ħaġa fina
Illi wisq torbo tna magħha
Bħalma l-qroqqa l-ħin kollu
Iżżomm ma' djulha l-ulied tagħha.

Wara disa' xhur ta' tqala
Id-dinja tifraħ b'twelid ġdid;
Forsi mhux l-omm responsabbli
Minn dil-benna, minn dal-ġid!

Meta inħossuna morda
Jew imtaqqla minn xi hemm
Dlonk tarana sejrin għandha
Biex infittxu ftit tal-kenn.

Bl-ebda dubju, ġewwa s-Sema
Għandna Omm bil-wisq setgħana;
Għalhekk, ma noqogħdux lura
Lejha nersqu lkoll ħerqana.

F'kelma waħda xejn ma jisboq
Dan l-isem sabiħ ta' 'Omm';
Dawn il-versi minn qiegħ qalbi
Għażiż' Omm lilek indomm.



# MILL-MEWT GĦALL-ĦAJJA

Thomas kien ilu madwar sena marid bil-kanser u issa l-marda kienet daħlet 'il ġewwa ġmielha. Kien beda fil-frixa, imbagħad kompla jinfirixlu mal-istonku. Issa lanqas ir-raġġi ma kienu baqgħu jagħmlulu għax kien kollox għalxejn. Thomas kien fadallu biss erbat ijiem oħra ħajja.

Minn fuq is-sodda tal-mard tiegħu ħares lejn martu Jolene u qalilha bid-dmugħ f'għajnejh : **"Aw qalbi, illum ma tantx inħossni muġugħ. Kemm nixtieq nerġa' niġi d-dar biex ingawdik !"** Filwaqt li biesha fuq ħaddejha, dar lejn uliedu Stefan u Claudia, li kienu tewmin. **"Ara obduha lill-mamà, għax il-mamà tħobbkom. Tinkwitawhiex."** Iż-żewġt itfal baxxew rashom u resqu lejn missierhom biex ibushom fuq moħħhom, kif kien jagħmel dejjem.

Wasal il-lejl, iżda Jolene ma setgħetx tagħlaq għajn m'għajn. Kellha rasha mimlija ħsibijiet. Bdiet tiftakar meta l-familja tagħha kienet kuntenta, bla mard u bla problemi serji. Kienu jinġabru għall-ikla ta' filgħaxija, joqogħdu jitkellmu fuq x'ġara matul il-ġurnata. It-tfal kienu jkantaw xi kanzunetta li jkunu tgħallmu l-iskola, filwaqt li hi toqgħod tisma' u tiggustahom. Thomas kien jirrakkonta xi bawxata li tkun ġratlu fuq il-post tax-xogħol. U

hi toqgħod tisma' u tgħożż kollox ġo qalbha. Bejn tbissima u oħra l-ħin tal-ikel kien jgħaddi. Imbagħad kienu jgħidu r-rużarju fil-bitħa ta' ġewwa, filwaqt li jgawdu nżul ix-xemx ieħor.

Issa kollox inbidel mil-lejl għan-nhar. Lil Thomas kienu ntebħu li għandu kanser meta mar jagħmel konsulta għand it-tabib tal-familja. Kien beda jħoss uġigħ kbir fl-istonku, li rriżulta li ma kien xejn għajr kanser ikrah u qerriedi. Thomas beda jinkwieta l-aktar minħabba martu u wliedu. Ma kienx jaf kif se jgħidilha lil Jolene. Imma hawnhekk indaħal it-tabib Grech li bagħat għalihom it-tnejn u, fi ftit kliem meqjusa, tarrfilha l-aħbar. Kienet ħaditha bi kbira għax ma kinitx taf kif se tkun tista' twieżen lil żewġha f'dan il-mument iebes. Lanqas saħħa f'idejha u f'riġlejha ma kien baqagħlha. U kif se trabbi 'l dawk it-tfal mingħajr missierhom ? Imbagħad niżlet fuq għajnejha bħal dalma sewda u ma baqgħet tara xejn. Kollox tilef is-sens tiegħu u ħajjitha mtliet togħma ta' mrar. Bdew ukoll id-dubji. Imma għaliex ġara dan fuq Thomas? Raġel tal-familja, dejjem mix-xogħol għad-dar.

Qamet mis-sodda u niżlet fil-kċina tagħmel kikkra kafè. It-tfal kienu mitlufin fl-isbaħ nagħsa u ma xtaqitx tqajjimhom. Waqt li stenniet il-misħun jagħli marret iġġib ittra ċkejkna li kien fiha erba' kelmiet sbieħ. Kien kitibhomlha Thomas ftit tal-ġimgħat ilu. **"Għażiża tiegħi,"** kien kiteb. **"Jien ma ndumx ma nħallikom. Imma agħmel kuraġġ għax minn hemm fuq jien inkun nitlob għalik u għal uliedna t-tnejn. ħarsti ma naqlagħhiex minn fuqek Jolene. U jdejja tistrieħ fuq spalltek il-ħin kollu, sabiħa tiegħi. Lil Stefan u Claudia fakkarhom dejjem li jien għadni nħobbkom mis-sema u li l-anġlu kustodju tagħhom jitkellem miegħi kuljum. Għalhekk jekk ikollhom bżonni, għidilhom jitolbu bil-qalb u jien nitlob għalihom mis-sema."**

Kemm kien jimliha bil-kuraġġ dak il-kliem ! Kienet tinfaqa' tibki kulmeta taqra dik l-ittra. U kienet terġa' tibda temmen u tittama. Il-ħajja kienet terġa' tibda tagħmel sens. Li temmen f'Alla kien jerġa' jibda jfisser ħafna.

Thomas tagħtu taqliba kmieni ma' sbiħ il-jum u miet wara li ħa l-ġriżma tal-morda. Jolene kienet hemm, maġenbu, siekta u qalbha trid toħroġ bl-uġigħ. It-tfal kienu għand iz-zijiet, għadhom ma jafu b'xejn. Jolene bkiet bikja fuq żewġha u ħaddnitu magħha. Imma l-paċi li ħalla Thomas wara mewtu kienet tittieħed malajr, u Jolene qamet u marret tiġbor lil uliedha u b'imħabba tkellimhom fuq missierhom li issa kien qed jindukrahom mis-sema. Imbagħad filgħaxija xħin kienet waħidha, talbet bil-qalb : **"Għażiż maħbub tiegħi, Thomas, kemm qed nimmissjak ! ħajti vojta mingħajrek u l-uġigħ ta' qalbi kbir wisq biex inġorru. Itlob għalija int, għażiż tiegħi, u itlob għal dawn iż-żewġ uliedna. ħarishom minn kull tfixkil. Jien ukoll inħobbok, Thomas, għal dejjem. Sakemm nergħu niltaqgħu."** •

# IT-TFAJLA U D-DAWL

*U ħarset.*
*U xefaq il-baħar ma deherx.*
*Il-qamar fiddien*
*ma sewiex f'dak il-lejl kiesaħ,*
*biered.*

*U ħarset.*
*U feġġ dawl f'tarf l-ilmijiet:*
*il-fanal iteptep*
*ta' sajjied ħabrieki, jistenna,*
*ħiemed.*

*U ħarset.*
*U tbikkmet, għax għebet*
*id-dija qawwija*
*ma' mewġa qalila li satret,*
*firdet.*

*U daret.*
*U d-dmugħ saħħnilha ħaddejha ruxxana.*
*U lofqot bla sabar*
*sa ma sebaħ il-jum,*
*u semgħet ir-rima tad-dgħajsa qalbiena,*
*u lemħet it-tbissima, u l-ħarsa għajjiena,*
*tas-sajjied.*





# PROFESSJONIST TAL-FUTBOL JITLAQ IL-LOGĦOB BIEX JIDĦOL F'SEMINARJU KATTOLIKU

Fiż-żmien li fih kien jilgħab bħala plejer professjonali fiċ-Ċile, **Chase Hilgenbrinck** kien ifittex il-mistrieħ tiegħu fil-knejjes biex hemm imantni x-xewqat spiritwali tiegħu u fl-istess ħin jiftakar fil-Ħdud ta' tfulitu li kien jgħaddihom fil-knisja tat-Trinità Mqaddsa li kien hemm f'belt twelidu – Bloomington. Anki meta fil-Milied li għadda mar lura l-Amerika biex jilgħab fil-kompetizzjoni l-iktar għolja tal-futbol, il-Major Soccer League (MSL) – waħda mill-ħolmiet li dejjem kellu! – Hilgenbrinck ħass il-fidi tiegħu tiġbdu.

**"Ħassejtni msejjaħ għal xi ħaġa ikbar,"** qal Hilgenbrinck, **"Għal mument ħsibt li kont imsejjaħ biex nilgħab bħala plejer professjonali tal-futbol. F'dawn l-aħħar snin ħassejt f'ruħi għatx għal xi ħaġa oħra. Permezz tat-talb għaraft ll klenet sejħa ġejja mill-Knisja Kattolika u ma ridtx li din is-sejħa tisfa fix-xejn."**

Hilgenbrinck aċċetta din is-sejħa nhar it-Tnejn meta telaq it-tim ta' New England Revolution u rtira mix-xena tal-futbol professjonali biex jidħol f'seminarju fejn se jqatta' s-sitt snin li ġejjin jistudja t-teoloġija u l-filosofija biex 'l quddiem ikun jista' jiġi ordnat bħala saċerdot Kattoliku.

"Għal mument ħsibt li kont imsejjaħ biex nilgħab bħala plejer professjonali tal-futbol. F'dawn l-aħħar snin ħassejt f'ruħi għatx għal xi ħaġa oħra. Permezz tat-talb għaraft li kienet sejħa ġejja mill-Knisja Kattolika u ma ridtx li din is-sejħa tisfa fix-xejn."



**"Mhux għax nixtieq inħalli l-futbol. Għandi passjoni kbira għal dil-logħba,"** qal f'intervista bit-telefon. **"Qatt ma kont se nħalli l-futbol għal xi xogħol ieħor. Jien miexi 'l quddiem għall-Mulej u nixtieq nagħmel ir-rieda tal-Mulej. Nixtieq nagħmel dak li jrid minni hu u mhux ir-rieda tiegħi."**

Ta' 26 sena, Hilgenbrinck, li kien difensur u mexxej tat-tim tar-reserva li kien jismu Revolution se jistudja fis-seminarju ta' Mount St Mary li jinsab ġewwa Emmitsburg. Wara li jispiċċa l-istudji jerġa' lura għal żmien ta' ħidma fil-parroċċa tiegħu, Peori.

Michael Burns, il-viċi president tal-plejers tat-tim ta' New England qal, **"Huwa qal li wara li dam jaħsibha ħafna, kien wasallu ż-żmien li jitlaq. Għall-plejers tat-tim tiegħu hija telfa kbira. Għalkemm ħafna plejers jitilqu mit-tim minħabba fatturi li ma jiddependux minnhom; huwa telaq għax ried hu, u din hija xi ħaġa kbira għalih."**

Hilgenbrinck kien imrobbi f'familja Kattolika li kienet tattendi regolarment il-knisja u kien jilgħab il-futbol fi Clemson fl-ewwel diviżjoni tal-lig Cilen wara li kien tħalla barra milli jilgħab fil MSL fl 2004. Billi kien 'il bogħod minn daru beda jfittex ambjent li fih seta' jħossu xi ftit familjari.

**"Dur dur dur, erġajt dort fuq li kont naf – il-Knisja Kattolika,"** huwa qal, **"Trabbejt bħala Kattoliku, dejjem kont involut fil-Knisja u kont nattendi fi skejjel Kattoliċi. Iżda kien meta tlaqt għal rasi li l-fidi saret verament personalizzata. Haddantha b'mod qawwi. Fittixt li nsaħħaħ ir-relazzjoni personali tiegħi ma' Kristu u meta ħajti bdiet tieħu kulur u twarrad, ma stajt qatt inwarrab dik ir-relazzjoni ma' Kristu."**

Hilgenbrinck kien jilgħab mat-tim ta' Colorado Rapids, qabel ma mar ma' dak tar-Revolution. Lagħab erba' logħbiet fil-MSL mat-tim ta' New England Revolution u dan ix-xahar lagħab fiż-żewġ logħbiet tal-US Open Cup mal-istess tim. Għalkemm Hilgenbrinck kien ilu jħoss is-sejħa kien jaf ukoll li kien eħfef għalih li jibqa' jilgħab il-futbol. Ipprova jikkonvinċi lilu nnifsu li ma kienx għadu lest, li ma kienx jixraqlu jew li ma kienx hemm għaġġla biex jidħol is-seminarju.

**"Bdejt inġib ħafna skużi u ngħid lili nnifsi li ma kienx jistħoqqli li niġi msejjaħ għal xi ħaġa bħal din,"** hu qal. **"Iżda ftit ftit dawn l-iskużi bdew jaqgħu waħda wara l-oħra."** Beda jaħseb li jħalli spazju biex jieħu sehem fi sports professjonali u għalhekk beda jaħseb jekk għandux isir qassis wara li jispiċċa l-karriera tiegħu. Iżda b'ċertezza kbira ddeċieda li ma setax jistenna iżjed.

**"Emmnuni, hekk bdejt naħseb,"** qal Hilgenbrinck li fl-istudji tiegħu kien iltaqa' mal-idjoma Jekk iddum taħsiba biex tobdi, ifisser li ma tridx tobdi. **"Aħna lkoll msejħa biex nagħmlu xi ħaġa u jien inħoss li s-sejħa speċifika tiegħi hija dik tas-saċerdozju u għalhekk ma kienx possibbli li nkompli bil-logħob tal-futbol. Dan kien inevitabbli."**

F'Lulju li għadda Hilgenbrinck kellu l-ewwel intervista biex jidħol is-seminarju u wara kellu jgħaddi minn proċess twil biex japplika. Kellu jagħmel eżamijiet bil-miktub, screening personali, iċċekkjar fuq it-trobbija tiegħu kif ukoll laqgħat ma' tliet psikjatri differenti biex jiżguraw li huwa kellu t-temperament tajjeb biex isir qassis.

Għall-ewwel ma qal lil ħadd biex ħadd ma jinfluwenzah b'xi mod. **"Xtaqt li tkun deċiżjoni bejni u bejn Alla,"** huwa qal. F'Jannar kellu iżjed testijiet, u f'Marzu Hilgenbrinck ġie nfurmat li seta' jidħol is-seminarju. Xi ġimgħat ilu ltaqa' ma' Burns u ma' Steve Nichol, il-kowċ tat-tim tar-Revolution.

Burns qal: **"Ma konniex ċerti x'se jgħidilna għaliex dak li kellu x'jgħidilna mhux soltu nisimgħuh. Iżda meta qalilna ħadt gost u kont kuntent għalih. Din kienet xi ħaġa li huwa verament jixtieq jagħmel u aħna nixtiqulu li kollox imurlu sew."** •



Meta l-Papa Benedittu XVI beda biex ikompli jitkellem dwar San Pawl ħakkarna fil-kelma Griega 'ekklesia' mit-Testment il-Qadim li tfisser **"assemblea tal-Poplu ta' Iżrael imsejjaħ minn Alla"**. Il-Papa jgħid li l-kelma 'Knisja' tidher għall-ewwel darba fl-Ittra ta' San Pawl lit-Tessalonkin, u f'Ittri oħra hu jitkellem dwar il-Knisja ta' Alla f'Galazja, f'Korintu, u f'postijiet oħra. Hawnhekk il Papa jiġbdilna l-attenzjoni dwar il-fatt li Pawlu jistqarr: **"Jien ippersegwitajt il-Knisja ta' Alla"**... mhux ta' xi lokalità partikolari ... imma l-Knisja ta' Alla.

Benedittu XVI saħaq bis-sħiħ fuq il-fatt li l-Knisja għandha tifsira pluridimensjonali... fuq naħa tfisser assembleji ta' Alla f'postijiet speċifiċi, belt, raħal, pajjiż... imma tfisser ukoll il-Knisja kollha bħala ħaġa waħda sħiħa. B'dan il-mod għandna nifhmu li l-Knisja ta' Alla mhix għaqda ta' knejjes lokali, imma li huma realizzazzjoni ta' l-unika Knisja ta' Alla.

Hawnhekk il-Papa emfasizza li l-**"kelma Knisja hija kważi dejjem imsieħba mill-kelmiet..."ta' Alla"**; mhix xi għaqda umana fejn hemm interessi u ideat komuni 'mma sejħa minn Alla. Hu sejjaħha, waqqafha u għaldaqstant hija waħda fil-manifestazzjonijiet kollha tagħha. L-unità ta' Alla toħloq l-unità tal-Knisja kull fejn tkun.

Il-Papa jkompli juri kif fl-Ittra lill-Efesin, San Pawl jiżviluppa l-kunċett tal-unità tal-Knisja f'xebħ kbir mal-kunċett tal-Poplu ta' Alla, Iżrael. Pawlu jippreżentalna l-unika Knisja ta' Alla bħala l-'għarusa ta' Kristu', ... ġisem wieħed u Spirtu wieħed ma' Kristu nnifsu. Benedittu XVI ikompli jgħidilna li Pawlu kien jaf ħaġa waħda ċara: il-valur fundamentali u tal-fondazzjoni ta' Kristu u tal-'kelma' li tħabbru. Pawlu kien jaf li aħna mhux





Fl-Ittra lil Timotju, il-Papa jgħid li ... **"il-Knisja hi meqjusa bħala dawk kollha... mill-kbir saż-żgħir... mill-ogħna sal-ifqar"** li huma lkoll il poplu ta' Alla, b'referenza għall-Knisja bħala struttura komunali ta' relazzjonijiet familjari interpersonali.

Il-Q.T. Benedittu XVI jagħlaq din il-katekeżi dwar il-Knisja, fil-ħsieb ta' San Pawl, billi jgħidilna li dan l-Appostlu jgħinna biex ikollna tagħrif aktar profond dwar il-misteru tal-Knisja fid-dimenzjonijiet differenti tagħha bħala assemblea ta' Alla fid-dinja... **"Dan hu l-kobor tal-Knisja u l-kobor tas-sejħa tagħna"**. •

biss insiru Kristjani bil-qawwa, imma wkoll li fl-iffurmar intern tal-komunità ġdida, il-komponent istituzzjonali ma setax ma kienx marbut mal-'kelma' ħajja, mal-aħbar ta' Kristu ħaj.

Il-Qdusija Tiegħu aktar milli jħeġġiġna biex nifhmu l-fatt li... **"l-għan tal-ħidma evanġelika ta' Pawlu kien li jwaqqaf komunità ta' dawk li jemmnu fi Kristu"**. Dan, isostni l-Papa, jidher mit-tifsira etimoloġika tal-kelma **"ekklesia"**,... li timplika sejħa 'ab extra', mhux sempliċiment ħsieb li tgħaqqad flimkien, imma billi tkun imsejjaħ minn Alla; dawk li jemmnu huma msejħa minn Alla li jgħaqqadhom f'komunità, fil-Knisja tiegħu.

Meta jiġi biex jitkellem dwar il-kunċett Pawlin ta' Knisja bħala **"Ġisem ta' Kristu"**, il-Papa jistedinna niftakru ż-żewġ dimensjonijiet tal-kunċett: kunċett soċjoloġiku li fih jilqa' l-membri li jiffurmaw l-istess grupp, li mingħajru ma tkunx tista' teżisti... San Pawl anki jgħid li l-Knisja mhix sempliċiment grupp jew korp imma verament il-Ġisem ta' Kristu fis-Sagrament tal-Ewkaristija li fih ilkoll nirċievu Ġismu u nsiru verament ġisem wieħed u spirtu wieħed fi Kristu.

Il-Papa jkompli jgħidilna li Pawlu jaf u jġiegħelna nifhmu li l-Knisja la hi tiegħu u lanqas tagħna; hija l-**"Ġisem ta' Kristu"**, **"il-Knisja ta' Alla"**, **"l-Għalqa ta' Alla"**, **"il-Bini ta' Alla"**, b'din tal-aħħar biex turi t-tifsira komuni li nużaw biex nuru post qaddis fejn naqsmu r-relazzjonijiet ta' bejnietna. Ir-relazzjoni bejn il-Knisja u t-tempju għandha żewġ dimensjonijiet li jikkumplemintaw lil xulxin: fuq naħa...

- *il-karatteristiċi tal-purità u s-separazzjoni proprja lejn il-bini mqaddes huma attribwiti lill-komunità ekklesjali u, fl-istess waqt,*
- *il-kunċett ta' spazju materjali għall-preżenza divina hu miżbuq mir-realtà ta' komunità ħajja li temmen.*

Il-Papa hawnhekk għadda biex ikkummenta dwar il-**"kunċett tal-Poplu ta' Alla"** li San Pawl iqisu bħala l-poplu tat-Testment il-qadim, għalkemm sussegwentement jirreferi għall-pagani... li jsiru wkoll il-Poplu ta' Alla grazzi għall-għaqda tagħhom ma' Kristu permezz tal-Kelma u tas-Sagramenti.



## LILL-POETA ĠORĠ PISANI

**06-05-1909 - 24-02-1999**

minn Kav. Joe M. Attard

B'sogħba kbira l-qniepen ħabbru
Li kien miet il-kbir poeta
Illi 'l Malta w Għawdex saħħar
Kif fin-nir tiddi kometa.

{orġ Pisani rabat ismu
Mar-rumanz u l-poeżija;
ħa ħsieb l-esej w il-leġġenda
Żied ma' dawn storja Maltija.

Id-dramm ħaddem, ħabb il-folklor
Ma kienux żminijiet sbieħ;
Ra fuq wiċċu, tnikket bosta
Għax il-Malti ħabb qatigħ!

Issa ħriġt mid-dinja tagħna
'Mma kitbietek tibqa' magħna.

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' Min

1. Kellu viżjonijiet minn Alla. (Eżek 1,1ss)
2. Sultan li kien ilu ħames snin eżiljat. (Eżek 1,2)
3. Min kienu l-ħlejjaq ħajjin. (Eżek 1,5 - ara nota)
4. Sultan li tela' jaħbat għal Ġerusalem. (Dan 1,1)
5. Ma riedx ikel tas-sultan. (Dan 1,8)
6. Is-sultan jeqridhom jakk ma juruhx il-ħolma. (Dan 2,5)
7. Tfisser: mhux ta' min jitħassarha. (Hos 1,6 - ara nota)
8. Uliedha jkunu daqs ir-ramel. (Hos 2,3)
9. Lil min għandhom jgħidu: Għammi. (Hos 2,3)
10. Insetti li jagħmlu ħerna sħiħa. (Ġoel 1,4ss)
11. Ilbsu l-ixkejjer u olfqu. (Ġoel 1,13)
12. Min għand dan li jista' kollox. (Ġoel 1,15)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħ ta' April 09 Huwa:**
**William Farrugia – B'Kara**
**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 90



1. Imbagħad x'kantaw. (Mk 14,26) **(5)**
2. It-triq li kien ġej minnha Iżrael. (Num 21,1) **(6)**
3. Ċappsu din u l-ġnub. (Eż 12,22) **(5)**
4. Tal-Mulej din. (Ħag 2,1) **(5)**
5. Hekk għamilt bla ħlas. (Ġob 31,39) **(4)**
6. Imsejjaħ tal-Għid. (Esd 6,20) **(5)**
7. L-qrun ta' l-... tagħha. (Għam 3,14) **(5)**
8. Alla se jingħal lil dan il-profeta. (Mal 3,23) **(5)**
9. *Itlaq* u għajjat. (Ġer 2,1) **(3)**
10. Pawlu u dan, ħuna. (Kol 1,1) **(7)**
11. u 12. Minn min jagħmel hekk kollox. (Efes 1,11) **(6)**
13. ...mal-bnedmin kollha. (Tob 12,6) **(6)**
14. Hekk hu t-tmiem. (Eżek 7,2) **(5)**
15. Filippu mar jgħid lil dan. (Ġw 12,22) **(5)**
16. Bejn hawn u bejn Sen. (1 Sam 7,12) **(5)**
17. Il-materjal tas-serp. (2 Slat 18,4) **(5)**
18. Kif toqgħodu għaliha. (2 pt 1,19) **(7)**
19. Issibu fit-triqat. (Mik 7,10) **(4)**
20. Bħal ġamra minn dak li jaħraq. (Apk 2,18) **(3)**
21. ...sukltan li juri ħiltu. (Bar 6,58) **(5)**
22. Minn din il-muntanja ġej. (Ħab 3,3) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL 09:**
***1. Dortu; 2. Adoram; 3. Tarka; 4. Rigal; 5. Ulaj; 6. Imeni; 7. Ordna; 8. Illum; 9. Tir; 10. Ktajjen; 11. u 12. Smajtu; 13. Tixwix; 14. Hażin; 15. Xtara; 16. Xrara; 17. Aħjar; 18. Abjatar; 19. Jara; 20. Xiħ; 21. Imrar; 22. Rqiqa.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa ta' April 09 hija:**
**Ms Maria Farrugia - Fgura. Nifirħulek!**



# IL-BOLOL TA' MALTA (14)

## ĊENTINARJU MEDIKALI




L-Iskola tal-Anatomija u tal-Kirurġija ġiet imwaqqfa fl-1676 mill-Gran Mastru Nikola Cotoner. Din bdiet tagħmel sehem mill-Università ta' Malta fl-1771 u fl-1800 bdiet taħdem flimkien mal-iskejjel mediċi tal-Ingilterra. Kien fl-1903 li l-Kunsill Ġenerali tal-Edukazzjoni Medika tal-Ingilterra beda japprova t-tobba Maltin. Illum, 360 sena wara, it-tobba li joħorġu minn din l-iskola qed ikomplu jingħataw karigi għoljin mad-dinja kollha. Biex tfakkar it-tielet ċentinarju mit-twaqqif tal-iskola, fl-14 ta' Settembru 1976 il-Posta ħarġet erba' bolol fuq id-disinn ta' Emvin Cremona. Il-bolla taż-2ċ turi lill-Gran Mastru Cotoner, tal-5ċ turi l-muskoli tad-driegħ, tas-7ċ turi lil Fra Giuseppe Zammit, l-ewwel tabib li kien jokkupa s-sedja tal-Anatomija fl-iskola u tal-11ċ turi l-bini tas-Sacra Infermeria tal-Ordni ta' San Ġwann.

## MILIED 1976




Dan is-sett sabiħ ta' Emvin Cremona ħareġ fit-23 ta' Novembru. Huwa magħmul minn erba' bolol: taċ-1ċ+5m, tal-5ċ+1ċ, tas-7ċ+1ċ5 u tal-10ċ+2ċ. Huma juru dettalji tal-pittura ta' Domenico di Michelino li tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta.

## KORAZZI ANTIKI




L-armerija tal-Palazz tal-Belt hija waħda mill-iktar interessanti tad-dinja. Fl-20 ta' Jannar 1977 ħarġu tliet bolol fuq disinn tal-Kavallier J. Briffa. Il-bolla taż-2ċ turi parti mill-armatura li tmur lura għat-tmiem tas-seklu 16 u li kien jilbes il-Gran Mastru La Valette. Din tidher fil-pittura li hemm fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Il-bolla tas-7ċ turi l-armatura sħiħa li kienet ordnata għalih mill-Gran Mastru Adolf de Wignacourt. Fil-Louvre ta' Pariġi hemm pittura ta' Caravaggio li turi lil dan il-Gran Mastru liebes l-armatura. Il-bolla tal-11ċ turi l-armatura sħiħa ordnata mill-Kmandant Ġenerali Jean Jacques de Verdelin.

## BDIL TAL-PREZZ

Il-Posta ħasset il-bżonn li l-bolla antika tal-4d tas-sett definittiv tal-1965 jinbidlilha l-prezz tagħha f'dak deċimali. Dan sar fl-24 ta' Marzu 1977 bl-istampar tal-prezz f'1ċ7.

## ARAZZI FLEMINGI

Il-famużi arazzi Flemingi tal-Katidral ta' San Ġwann huma




maqsuma fi ħmistax-il pannell li flimkien jagħmlu 700 metru kwadru. Mit-tlettax minnhom li nħadmu fuq il-pittura ta' Peter Paul Rubens sebgħa huma reliġjużi u sitta huma allegoriċi. Fit-30 ta' Marzu 1977 il-Posta ħarġet l-ewwel sett ta' erba' bolol tal-arazzi fuq disinn ta' Emvin Cremona biex tfakkar ir-raba' ċentinarju mit-twelid ta' Rubens. Il-bolla taż-2ċ turi t-tħabbira tal-Anġlu Gabriel, tas-7ċ l-erba' evanġelisti, tal-11ċ it-twelid ta' Ġesù u tal-20ċ l-adorazzjoni tal-Maġi.

## JUM IT-TELEKOMUNIKAZZJONI




Din il-ġurnata bdiet titfakkar fid-dinja kollha mill-1969 mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni fil-Ġnus Magħquda. It-tema ta' din is-sena kienet Telekominkazzjoni u Żvilupp. Fis-17 ta' Mejju 1977 ħarġu erba' bolol fuq id-disinn ta' Harry Borg li juru l-iżviluppi kbar li saru f'Malta dawn l-aħħar snin. Il-bolol huma taċ-1ċ, tas-6ċ, tat-8ċ u tas-17ċ.

## EWROPA 1977




Tnejn mill-isbaħ bolol li ħarġu fil-5 ta' Lulju kienu dawk tal-pittur George Fenech biex ifakkru Jum l-Ewropa. Il-bolla tas-7ċ turi l-kappella ta' Wied tal-Isperanza u dik tal-20ċ turi s-Salini. It-tnejn qishom kartolini ta' Malta li juru s-sbuħija tal-kampanja li għandna tant inkunu kburin biha u li għandna nibqgħu nibżgħu għaliha.

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19. Għal First Day Cover ta' Bolol Maltin ibgħat 20 bolla fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Liema huma ż-żewġ bolol li l-iktar jogħġbu lili?** ***Jekk taqra dan l-artiklu sewwa malajr tinduna.***

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz:

**Kompetizzjoni Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa ta' Marzu jidhru f'ħarġa oħra.**

# 25 ANNIVERSAJU MILL-ORDINAZZJONI TAL-ISQOF PAWLU DARMANIN OFMCAP

# U MIT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GARISSA, IL-KENJA





**Il-Provinċja Kapuċċina flimkien mas-Segretarjat tal-Missjoni jfakkru dawn il-ġrajjiet fil-ħajja tal-Missjoni b'ċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof Pawlu Darmanin fil-knisja tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju 2009, fis-6:30pm.**

Il-ħbieb tal-Missjoni u l-pubbliku nġenerali huma mistiedna jattendu.

Għal din l-okkażjoni, is-Segretarjat tal-Missjoni qed jorganizza rigal fi flus b'rižq il-Missjoni f'Garissa.

**Il-ħbieb tal-Missjoni huma mistiedna jieħdu sehem f'dan l-att ta' ġenerożità billi jibgħatu l-offerta tagħhom lil:**

**Fr Crispin Tabone OFMCap**
**Segretarju Missjoni,**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana FRN 1121**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**